ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 68 E

Volum 52

21 ta' Marzu 2009

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

**Parlament Ewropew**

SESSJONI 2007-2008

Dati tas-seduti: 31 Jannar 2008

TESTI ADOTTATI

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 68 E, 13.3.2008.*

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Parlament Ewropew**

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

(2009/C 68 E/01) Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda (2007/2187(INI)) . . . . . 1

(2009/C 68 E/02) Is-sitwazzjoni fl-Iran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar l-Iran . . . . . 8

(2009/C 68 E/03) Ir-riżultat tal-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar ir-riżultat tal-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima (COP 13 u COP/MOP 3) . . . . . 13

(2009/C 68 E/04) Pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija: it-twettiq tal-potenzjal

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-Pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija: it-twettiq tal-potenzjal (2007/2106(INI)) . . . . . 18

MT

*(Ikompli)*

(2009/C 68 E/05) Politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew (2007/2112(INI)) . . . . . 26

(2009/C 68 E/06) Strateġija Ewropea għar-Roma

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar Strateġija Ewropea għar-Roma . . . . 31

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Parlament Ewropew**

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

(2009/C 68 E/07) Dmirijiet tal-President (interpretazzjoni ta' l-Artikolu 19)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 19 tar-Regoli ta' Proċedura dwar id-dmirijiet tal-President . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 36

III *Atti preparatorji*

**Parlament Ewropew**

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

(2009/C 68 E/08) Reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fil-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Eropew u tal-Kunsill li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (COM(2007)0508 — C6-0279/2007 — 2007/0185(COD)) . . . . . . . . . . . . . 37

P6_TC1-COD(2007)0185

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, minn Ċipru u mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 38

(2009/C 68 E/09) Il-kontroll ta' persuni fuq fruntieri esterni ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (COM(2007)0508 — C6-0280/2007 — 2007/0186 (COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 38

P6_TC1-COD(2007)0186

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom . . . . . . . . . . . . . . . . . 39

(2009/C 68 E/10) Statistika dwar l-akkwakoltura ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' l-istatistika dwar l-akkwakoltura mill-Istati Membri (COM(2006)0864 — C6-0005/2007 — 2006/0286(COD)) . . . . . . . 39

P6_TC1-COD(2006)0286

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' l-istatistika dwar l-akkwakoltura mill-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 39

(2009/C 68 E/11) Titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija bil-ħsieb li tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (15437/2006 — C6-0058/2007 — 2007/0803(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 40

(2009/C 68 E/12) Servizzi postali Komunitarji ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji (13593/6/2007 — C6-0410/2007 — 2006/0196(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 44

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta’ konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta’ konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta’ konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta’ parir konformi |
| ***I | Proċedura ta’ kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta’ kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta’ kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta’ proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# PARLAMENT EWROPEW

## Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda

P6_TA(2008)0029

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda (2007/2187(INI))**

(2009/C 68 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' April 2007 bit-titolu Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Perspettivi Ġodda (COM(2007)0161),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma ta' l-persunal tal-Kummissjoni (SEC(2007)0412) li jakkumpanja l-Green Paper tal-Kummissjoni hawn fuq imsemmija,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tikkonċerna s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013 ([1])) (FP7),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Nies' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Mejju 2007 dwar it-tpoġġija fil-prattika ta' l-għarfien: strateġija ta' innovazzjoni għall-Ewropa bbażata fuq bażi wiesgħa ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Kumitat dwar l-Iżvilupp Reġjonali (A6-0005/2008),

A. billi l-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, li sar fl-Liżbona, approva l-objettiv li tinħoloq Żona Ewropea ta' Riċerka (ERA),

B. billi l-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002, li sar f'Barċellona, qabel fuq objettiv li t-total ta' l-ispejjeż ta' l-R&D jiżdied għal 3 % tal-PGD ta' l-Unjoni sa l-2010 (żewġ terzi minn dan irid jiġi mis-settur privat),

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p.1.
([2]) ĠU L 400, 30.12.2006, p.269. Ikkoreġuta fil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 91.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0212.

C. billi l-FP7 ġie mfassal biex jappoġġa l-ħolqien ta' l-ERA,

D. billi l-ħolqien ta' l-ERA għandu jkun akkumpanjat mit-twaqqif ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla u Żona Ewropea ta' Innovazzjoni, biex b'hekk jitlestew it-tliet partijiet ta' dak li jissejjaħ it-trijangolu ta' l-għarfien,

E. billi l-ERA tħaddan fiha tliet aspetti prinċipali: suq intern għar-riċerka, fejn ir-riċerkaturi, it-teknoloġija u l-għarfien jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles, koordinazzjoni effettiva ta' attivitajiet ta' riċerka nazzjonali u reġjonali fuq il-livell ta' l-UE, programmi u politiki u inizjattivi implimentati u ffinanzjati fuq il-livell ta' l-UE,

F. billi jeħtieġ li jsiru sforzi akbar fid-dimensjonijiet kollha tar-riċerka ta' l-UE, partikularment f'dak li jirrigwarda l-koordinazzjoni: in-nies, l-infrastruttura, l-organizzazzjoni, l-iffinanzjar, il-kondiviżjoni ta' l-għarfien u l-koperazzjoni globali, sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni tar-riċerka fl-UE u jitwettaq il-potenzjal ta' l-UE f'dan il-qasam,

G. billi l-opportunitajiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol mhumiex it-tip li jagħmlu kuraġġ lill-ġuvintur u lin-nisa li jidħlu fis-settur tar-riċerka, li jfisser li qed jinħlew riżorsi umani ta' valur,

H. billi l-iffinanzjar ta' l-R&D fl-UE għadu lura mill-objettiv ta' Liżbona ta' 3 % tal-P GD,

I. billi hemm il-ħtieġa ta' viżjoni aktar wiesgħa tal-ħolqien ta' l-ERA, li tinvolvi l-partijiet interessati kollha,

J. billi n-nisa għadhom mhux rappreżentati biżżejjed f'ħafna oqsma tax-xjenza u ta' l-inġinerija u fil-pożizzjonijietmaniġerjali,

K. billi l-kontribut ta' l-R&D tas-settur privat ta' l-UE għadu lura minn dak tal-kompetituri diretti tagħha,

***Il-ħolqien ta' suq uniku tax-xogħol għar-riċerkaturi***

1. Jilqa' d-definizzjoni komuni tal-karriera ta' riċerka u t-twaqqif ta' sistema ta' informazzjoni dwar l-impjieg ta' riċerkaturi u prattiki ta' riċerka madwar l-Ewropa u jemmen li dan jista' jgħin biex l-UE tilħaq l-ogħla livelli fir-riċerka;

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u r-reġjuni biex joħolqu strateġiji għall-iżvilupp ta' riżorsi fiżiċi u riżorsi umani fis-setturi tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni li tkopri, per eżempju, it-titjib u l-provvista ta' infrastrutturi tar-riċerka, mobilità miżjuda għar-riċerkaturi bl-għajnuna ta' appoġġ finanzjarju raffurzat, inizjattivi lokali biex jiġbdu r-riċerkaturi, it-tneħħija ta' ostakoli legali, amministrattivi u lingwistiċi, skambju ta' persunal u biex jiġi żgurat l-aċċess għal kulħadd, speċjalment għar-riċerkaturi nisa u għar-riċerkaturi żgħazagħ;

3. Jappoġġja bis-sħiħ il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-reklutaġġ tagħhom bħala mezz biex l-ERA issir aktar attraenti għar-riċerkaturi; jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika l-livell sa fejn il-Karta u l-Kodiċi ta' Kondotta ġew implimentati fl-Istati Membri;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mwaqqfa u introdotta rotta Ewropea unika għall-karriera fil-qasam tar-riċerka u li tiġi introdotta sistema integrata ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' xogħol u kuntratti ta' taħriġ fis-settur tar-riċerka fl-Ewropa; jemmen li huwa essenzjali li jinħoloq suq uniku tax-xogħol għall-ħaddiema ta' riċerka;

5. Jenfasizza l-importanza li l-proċeduri ta' reklutaġġu u promozzjoni għall-ħaddiema fir-riċerka jkunu miftuħa u trasparenti; jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw bilanċ aħjar bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tar-reklutaġġ u l-promozzjoni;

6. Jesprimi dispjaċir li l-ħruġ nett tranżatlantiku ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp għadu qed jiżdied; jenfasizza l-importanza li jiġi evitat iktar ħruġ ta' riċerkaturi kompetenti Ewropej; jitlob għall-adozzjoni ta' miżura xierqa biex ir-riċerkaturi jibqgħu fl-UE u biex jinġiebu lura fl-UE, speċjalment billi jiġu żgurati prospetti wiesa' ta' karriera u kundizzjonijiet attraenti ta' xogħol kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa;

7. Jaqbel mal-pjan li tiżdied il-mobilità ġeografika tar-riċerkaturi kif ukoll il-mobilità intersettorjali tagħhom (jiġifieri bejn l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u bejn id-dinja akkademika u dik tal-kummerċ) bħala metodu biex jintlaħaq il-qsim ta' l-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġija; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jarrikkixxu l-kurrikuli ta' *post-graduate* u tad-Dottorat billi jinkoraġġixxu s-superviżoni konġunta tar-riċerka f'pajjiżi differenti u sabiex jikkunsidraw it-tnedija ta' boroż ta' studju Ewropej għal studji wara l-livell ta' Dottorat u skemi ta' taħriġ li jibnu fuq il-programm Erasmus li kellu suċċess kbir;

8. Jenfasizza li suq intern li jiffunzjona tajjeb huwa importanti għall-iżvilupp ta' l-ERA u li l-moviment ħieles, b'mod partikulari tar-riċerkaturi, huwa vitali; jesprimi dispjaċir li l-ostakoli għadhom ixekklu l-mobilità tar-riċerkaturi fi ħdan l-UE; jitlob għal miżuri sabiex jitjieb iċ-ċaqliq ħieles tar-riċerkaturi, b'mod partikolari billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet trans-nazzjonali li fadal għall-moviment ħieles tal-ħaddiema kif ukoll għat-titjib ta' l-infrastruttura ta' riċerka ta' l-UE; jappoġġja l-ħolqien ta' Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT);

9. Jikkunsidra li l-aċċess tar-riċerkaturi għall-UE m'għandux jiġi mfixkel minn ostakoli eżistenti nazzjonali, bħalma huma r-rikonoxximent u l-portabilità insuffiċenti ta' drittijiet soċjali miksuba, l-iżvantaġġi fiskali u d-diffikultajiet biex jiġu rilokati l-familji; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ifasslu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-liġi pubblika b'tali mod li r-riċerkaturi mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi jkollhom kundizzjonijiet ta' xogħol paragunabbli u ma jkunux miżmuma milli jagħmlu xogħol ta' riċerka;

10. Ifakkar li mod kif ir-riċerkaturi jsiru aktar mobbli jista' jkun permezz tal-ħolqien ta' voucher ta' riċerka li jista' jintuża minn riċerkaturi fi Stati Membri u istituzzjonijiet u universitajiet oħra li jospitawhom, b'hekk il-voucher jagħmel disponibbli aktar riżorsi finanzjarji għar-riċerka li tattira riċerkaturi barranin; jemmen li dan mhux biss iżid l-interess ta' l-istituzzjonijiet u l-universitajiet ta' riċerka biex jospitaw riċerkaturi minn Stati Membri oħra, u biex jattiraw xjentisti li għandhom l-aktar talent, imma jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' ċentri ta' eċċellenza billi jkun possibbli għall-programmi u l-istituzzjonijiet ta' riċerka l-aktar attraenti li jattiraw aktar riċerkaturi u jtejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom; jemmen li dan l-appoġġ miżjud għall-mobilità tar-riċerkaturi għandu jkun miżjud ma' l-iskemi ta' ffinanzjar attwali għall-mobilità u li l- pajjiżi terzi;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ lir-riċerkaturi żgħażagħ, partikularment bl-iżgurar li jkomplu jirċievu għotjiet meta jibdlu l-post tax-xogħol tagħhom fl-UE;

12. Jemmen li l-qafas regolatorju tal-Komunità dwar iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tar-riċerkaturi fl-ERA teħtieġ li tiġi infurzata biex tiffaċilita l-ħruġ ta' visa u permessi ta' xogħol għal ċittadini ta' pajjiżi terzi;

13. Jikkunsidra li jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri speċifiċi biex jippromwovu aktar parteċipazzjoni tan-nisa fl-attivitajiet kollha ta' riċerka, bil-għan li jiżdied il-proporzjon ta' nisa li jsegwu karriera fir-riċerka;

14. Jemmen li l-fatt li ż-żgħażagħ huma anqas interessati li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom fix-xjenza u t-teknoloġija hija marbuta mill-qrib man-nuqqas ta' koperazzjoni bejn il-kamp privat u dak akkademiku; għalhekk jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu oqfsa għall-kollaborazzjoni bejn dawn iż-żewġ setturi;

15. Jitlob sabiex ikun hemm skambju ta' esperjenza fost l-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ koerenti lejn il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fir-riċerka ffinanzjata mill-Komunità u jżidu l-proporzjoni ta' persuni b'diżabilità li jagħżlu karriera fir-riċerka;

16. Jikkunsidra li l-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi ta' riċerka u l-intrapriżi għandhom jippromwovu miżuri biex jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali u privata;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga kif jista' jittejjeb it-tagħlim tax-xjenza fl-UE, f'kull livell ta' l-edukazzjoni; jiddeplora n-nuqqas ta' riżorsi umani fl-R&D f'ħafna Stati Membri, x'aktarx minħabba n-nuqqas ta' interess fost il-ġenerazzjoni aktar żagħżugħa biex isegwu kurrikuli xjentifiċi u jibdew karrieri fix-xjenza; għalhekk jipproponi li jittieħdu inizjattivi li jressqu lill-istudenti aktar qrib lejn ir-riċerka fil-laboratorju u fil-post; barra minn hekk jipproponi l-promozzjoni ta' metodi attivi u investigativi ta' tagħlim bl-użu ta' l-osservazzjoni u l-esperimenti, il-ħolqien ta' skambju ta' programmi ta' għalliema-riċerkaturi, u l-appoġġ ta' metodi ta' taħriġ innovattivi mill-awtoritajiet reġjonali u lokali; jikkunsidra li żviluppi mgħaġġla fix-xjenza jistgħu joħolqu vojt bejn iċ-ċittadin ordinarju u r-riċerka xjentifika u teknoloġika; jikkunsidra li hemm il-ħtieġa li jkun promoss u appoġġjat id-djalogu bejn ix-xjentisti u s-soċjetà u li, kif xieraq, ix-xjentisti għandhom jippreżentaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom b'mod li jinftiehmu minn kulħadd u jkun disponibbli għal kulħadd;

18. Jikkunsidra li l-kundizzjonijiet soċjali għar-riċerkaturi għandhom ikunu mtejba permezz ta' ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjiegi għall-imsieħba tar-riċerkaturi u l-provvediment ta' appoġġ fit-tfittxija tagħhom għal faċilitajiet ta' kura u dawk ta' edukazzjoni għat-tfal tagħhom;

### *L-iżvilupp ta' infrastrutturi tar-riċerka ta' livell dinji*

19. Jilqa' l-progress magħmul fl-iżvilupp ta' infrastrutturi ta' riċerka bl-adozzjoni tal-pjan tal-Forum Ewropew dwar l-Istrateġija għall-Infrastrutturi ta' Riċerka (ESFRI); madankollu jemmen li għandu jkun hemm provvediment sabiex jiġu inklużi il-faċilitajiet u l-infrastrutturi ġodda li attwalment qed jiġu żviluppati mill-Istati Membri flimkien ma' l-infrastrutturi identifikati mill-ESFRI;

20. Iħeġġeġ sabiex il-finanzjament għal infrastrutturi pan-Ewropej ġodda ta' riċerka ikun provdut biss jekk ma jeżistux infrastrutturi nazzjonali ta' l-istess valur li jipprovdu opportunitajiet simili ta' aċċess għal riċerkaturi minn Stat Membru ieħor;

21. Jenfasizza l-irwol u l-importanza ta' l-Organizzazzjonijiet ta' Riċerka (RPOs) fil-qasam tar-riċerka Ewropea, flimkien ma' l-universitjiet u l-aġenziji li jiffinanzjaw ir-riċerki; jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi livell ta' kollaborazzjoni ma' l-aġenziji nazzjonali, l-universitajiet u l-RPOs fl-Ewropa, flimkien ma' awtoritajiet reġjonali, qabel ma taqbel dwar politika u pjan ta' implimentazzjoni komuni;

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi qafas legali biex jiffaċilita l-ħolqien u l-ħidma ta' organizzazzjonijiet Komunitarji kbar ta' riċerka u infrastrutturi, u tikkunsidra l-involviment ta' istituzzjonijiet u ftehim Ewropej eżistenti, bħall-Organizzazzjoni għar-Riċerka Nukleari (CERN), l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u *l-Ftehim Ewropea ta' Żvilupp dwar il-fużjoni* (EFDA), minkejja li għandhom jiġu evitati t-trattati intergovernattivi;

23. Fl-istess ħin jirrakkomanda li entitajiet minn pajjiż b'setturi ta' riċerka anqas dinamiċi, imma b'aktar potenzjal ta' riċerka, għandhom ikunu involuti b'mod sħiħ fil-proċess ta' bini ta' infrastruttura ta' riċerka pan-Ewropea;

24. Jikkunsidra li, sabiex ikunu żgurati ħidmiet fuq medda ta' żmien twil u titjib kontinwu, il-proċessi ta' approvazzjoni għal infrastrutturi kbar ta' riċerka għandhom ikopru l-R&D, it-teknoloġija ta' l-informatika u l-finanzjament operattiv;

25. Jirrikonoxxi li l-EIT se jkun fattur importanti fit-tisħiħ ta' l-infrastruttura tar-riċerka ta' l-UE;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-RPOs, lill-universitajiet u lill-aġenziji ta' finanzjament għar-riċerka kemm biex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom kif ukoll biex jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom fil-bini ta' l-ERA bil-għan li tintlaħaq tmexxija globali fl-akbar żoni xjentifiċi;

***It-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet tar-riċerka***

27. Jiddispjaċih li l-figuri għall-infiq fl-R&D juru li l-medja ta' l-UE hija biss ta' 1.84 % tal-PGD, meta mqabbla mat-2.68 % fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u t-3.18 % fil-Ġappun, u li l-infiq ivarja minn 0.39 % fir-Rumanija u 0.4 % f'Ċipru għal 3.86 % fl-Isvezja; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-medja ta' l-infiq kif ukoll li tiżdied in-nefqa f'ċerti Stati Membri; jenfasizza l-importanza li r-riċerka diversa u l-isforzi għall-iżvilupp jiġu ffukati aħjar madwar l-Unjoni, b'mod partikulari sabiex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni lejn l-ekonomija diġitali; jemmen li dan huwa ta' importanza fundamentali għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet xierqa għall-kisba ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien kif stipulat fl-Istrateġija ta' Liżbona;

28. Jikkonferma l-importanza tad-dimensjoni reġjonali ERA u jikkunsidra li l-iżvilupp ta' gruppi reġjonali huwa mezz importanti ta' kif tinkiseb massa kritika, jingiebu flimkien l-universitajiet, l-istituzzjonijiet u l-industrija tar-ricerka, u jinħolqu ċentri Ewropej ta' eċċellenza; jemmen li l-programmi 'Il-Potenzjal tar-Riċerka' u 'Ir-Reġjuni ta' l-Għarfien' u l-Fondi Strutturali li jippromwovu l-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni tar-reġjuni, għandu jitqies bħala kontribuzzjoni prinċipali favur l-objettivi tal-FP7;

29. Jenfasizza l-importanza ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u reġjonali fit-tisħiħ ta' l-effetti ta' programmi ta' qafas u jistieden sabiex ikun hemm koperazzjoni aktar fil-fond min-naħa tagħhom;

30. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex twaqqaf forum Ewropew tar-riċerka b'rappreżentanza nazzjonali għolja, inklużi kunsilli nazzjonali ta' riċerka, fdati bil-missjoni li jidentifikaw, jiżviluppaw u jappoġġjaw l-akbar inizjattivi ta' riċerka pan-Ewropea, kif ukoll sistema komuni ta' reviżjoni xjentifika u teknika biex ikunu sfruttati aħjar ir-riżultati tal-programmi Ewropej; jemmen li għandu jkun ta' benefiċċju t-twaqqif ta' sistema affidabbli għall-verifika ta' l-għarfien u l-metodi ta' analiżi, għall-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni u għaċ-ċentri ta' networks ta' eċċellenza fl-UE;

31. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li n-networks ta' eċċellenza u l-komunitajiet ta' riċerka oħrajn ikunu kumplimentarji bis-sħiħ, billi tispjega b'mod ċar l-objettivi tagħhom, ir-regoli ta' ħidma u l-arranġamenti dwar il-finanzjament;

32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi aktar l-appalt pubbliku biex tappoġġja l-R&D fuq il-livell tal-UE billi tagħmel użu aktar kostanti ta' l-istrumenti u tar-riżorsi pubbliċi;

33. Jilqa' l-inizjattiva għal Karta Ewropea għall-użu tal-proprjetà intellettwali minn istituzzjonijiet u universitajiet pubbliċi tar-riċerka, approvata mill-Kunsill Ewropew li sar fi Brussell fil-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, sakemm din twassal għal sett ta' regoli li jistgħu jintużaw li jikkunsidraw b'mod partikulari l-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp u t-trasferiment ta' l-għarfien xjentifiku;

34. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-irwol li għandhom l-SMEs (impriżi ta' daqs żgħir u medju) bħala entitajiet ta' riċerka; jemmen li huwa neċessarju li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proġetti ta' l-R&D fuq livell ta' l-UE skond l-objettiv ta' allokazzjoni ta' mill-anqas 15 % tal-baġit ta' l-FP7 għall-SMEs;

35. Jikkunsidra li r-riċerka fil-fond trid tkun strettament marbuta ma' l-innovazzjoni; għalhekk jemmen li jridu jiġu maħsuba passi konkreti lejn il-ħolqien ta' riċerka Ewropea integrata u ta' zona ta' innovazzjoni;

***Il-kondiviżjoni ta' l-għarfien***

36. Jemmen li l-investiment fl-infrastruttura, il-funzjonalità u l-inizjattivi ta' kontro-referenza elettronika ppermettew titjib kbir fit-tixrid u l-użu ta' informazzjoni xjentifika u li d-Dikjarazzjoni ta' Berlin dwar l-Aċċess Liberu għall-Għarfien fix-Xjenzi u fl-Istudji Umanistiċi huwa eżempju ta' kif l-Internet fetaħ opportunitajiet ta' esperimentazzjoni b'mudelli ġodda; jenfasizza l-importanza tar-rispett tal-libertà ta' l-għażla u tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali (IPR) u ta' l-awtur, billi jiżgura l-kontinwazzjoni ta' reviżjonijiet ta' kwalità minn esperti u l-preservazzjoni sigura u fdata ta' xogħolijiet attestati, u jinkoraġġixxi lill-partijiet interessati sabiex jaħdmu flimkien permezz ta' proġetti pilota biex jevalwaw l-impatt u l-vijabbilità ta' mudelli alternattivi, bħall-iżvilupp ta' l-Aċċess Liberu;

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

37. Jaqbel mal-kunċett ta' "innovazzjoni miftuħa" promoss mill-Kummissjoni skond liema kunċett is-setturi pubbliku u dak privat isiru msieħba sħaħ u jaqsmu l-għarfien u dan sakemm tkun żviluppata sistema bbilanċjata u ġusta bejn l-aċċess liberu u r-riżultati xjentifiċi u l-użu ta' tali riżultati mis-settur privat (qsim ġust ta' l-għarfien); jemmen li għandha tiġi rikonoxxuta r-regola ta' ppremjar ġust u ekwitabbli għall-użu ta' għarfien pubbliku mill-industrija;

38. Jemmen bis-sħiħ li l-inċertezza legali u l-għoli ta' l-ispiża li teżisti bħalissa fil-qasam ta' l-IPR jikkontribwixxu għat-tifrik ta' sforzi fir-riċerka fl-Ewropa; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproċedi biex tagħmel evalwazzjoni ta' impatt ta' l-istrumenti legali differenti li jistgħu jintużaw biex inaqqsu l-ostakoli eżistenti fit-trasferiment ta' l-għarfien fl-ERA; jinnota li invenzjonijiet irreġistrati sew jistgħu jkunu sors importanti ta' tagħrif u li l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-IPR, inkluża l-liġi ta' l-UE dwar il-privattivi, ma tistax tkun ta' ostakolu għall-qsim ta' l-għarfien; jenfasizza l-importanza vitali tat-twaqqif ta' Privattiv Komunitarju u ta' sistema ġudizzjarja għall-Privattivi Ewropej li tkun ta' kwalità għolja, effiċjenti finanzjarjament u favur l-innovazzjoni li tirrispetta l-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; jiġbed l-attenzjoni għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sistema ta' privattivi fl-Ewropa (COM(2007)0165), jiġbed l-attenzjoni li l-qafas legali li jirriżulta, se jipprovdi inċentivi aħjar għall-involviment ta' negozji privati fir-riċerka u se jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' l-innovaturi ta' l-UE fuq livell internazzjonali;

39. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, biex twaqqaf forum Ewropew fejn jistgħu jiġu koordinati proċessi Ewropej u nazzjonali, ta' l-involviment tas-soċjetà ċivili f'diskussjonijiet dwar ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija;

40. Jikkunsidra li, fil-kuntest ta' l-ERA, il-kapaċitajiet taċ-Ċentri ta' Riċerka Konġunta (JRC) għandhom ikunu sfruttati bħala strutturi xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli li huma indipendenti u newtrali, li jipprovdu għarfien speċjalizzat komuni lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u jappoġġjaw il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet prinċipali (il-kwalità tal-ħajja, is-sikurezza ta' l-ikel, l-ambjent, il-protezzjoni talkonsumatur);

41. Jemmen li, b'missjoni mġedda li tappoġġja u tinkoraġġixxi l-attivitajiet tagħhom u ffukata fuq l-ottimizzazzjoni tal-benefiċċji li jinkisbu mill-istrutturi tagħhom, il-JRC jistgħu jippromwovu "opportunitajiet verament Ewropej" fil-qasam tat-taħriġ u l-mobilità ta' riċerkaturi żgħażagħ;

***L-ottimiżazzjoni tail-programmi u l-prioritajiet tar-riċerka***

42. Jikkunsidra li huwa importanti li jiġi implimentat il-prinċipju tal-ftuħ reċiproku tal-programmi nazzjonali għal parteċipanti minn Stati Membri oħra peress li dan għandu jkun pass 'il quddiem lejn l-iskambju ta' informazzjoni dwar programmi nazzjonali eżistenti u għandu jwassal għall-evalwazzjoni ta' attivitajiet nazzjonali ta' riċerka minn bords internazzjonali;

43. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ħafna Stati Membri — speċjalment dawk li għandhom strutturi inqas żviluppati fir-riċerka u l-iżvilupp — jibżgħu li jitilfu l-aħjar imħuħ ġewwa l-UE stess; jitlob għal miżuri sabiex dan jiġi evitat billi l-politiki ta' riċerka nazzjonali jsiru komplimentari iktar milli kompetittivi, speċjalment sabiex tiġi promossa l-koordinazzjoni tar-riżorsi u jkunu evitati d-duplikazzjoni jew it-tixrid tagħhom;

44. Jemmen li ta' min jiġu esplorati l-potenzjalitajiet offruti mill-mekkaniżmu ta' "geometrija varjabbli", bħala mezz xieraq sabiex tiġi żviluppata flessibilità adegwata fit-twettiq ta' programmi tematiċi;

45. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi mtejba l-komplimentarjetà bejn l-UE u l-finanzjament tar-riċerka nazzjonali;

46. Jemmen li l- finanzjament tal-ftuħ ta' programmi nazzjonali ta' riċerka għar-riċerkaturi kollha fl-Istati Membri għandhom jibdew, l-ewwelnett, fil-qasam tar-riċerka fundamentali, jew kif inhi magħrufa bħala "riċerka fil-fruntieri";

47. Josserva li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaħdmu fil-ħolqien ta' qafas favur ir-riċerka u għandhom jagħtu kontribut sinifikanti fit-twettiq ta' ERA u dan għandu jsir permezz ta' programmi Ewropej ta' finanzjament bħall-FP7, imma li jista' jsir ukoll progress kunsiderevoli permezz ta' programmi miftehma minn qabel iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; jikkunsidra, b'mod partikulari, li l-potenzjal ta' l-R&D ta' reġjuni 'xjentifikament aktar dgħajfin' għandu jiġi mtejjeb peremzz ta' l-użu kombinat ta' fondi Strutturali u ta' l-FP7, kif ukoll investimenti nazzjonali u reġjonali, sabiex, fost affarijiet oħra, jindirizzaw b'mod effiċjenti l-ħtiġijiet lokali ta' riċerka mmexxija mis-soċjetà;

48. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona ma jistgħux jintlaħqu mingħajr żieda fl-involviment tas-settur privat f'attivitajiet ta' riċerka; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjonijiet li jsaħħu l-inċentivi għas-settur privat biex jinvesti u jipparteċipa fir-riċerka; jappoġġja l-opinjoni li hemm bżonn li tkun żviluppata tmexxija Ewropea fi swieq li għandhom teknoloġija intensiva appoġġjata minn standards stretti ta' protezzjoni ta' l-IPR; huwa tal-fehma li għal dan il-għan huwa importanti li s-Sħubiji Pubbliċi Privati, fis-swieq li joperaw tajjeb, jiġu estiżi;

49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw l-aħjar finanzjament għall-attivitajiet tar-riċerka nazzjonali u reġjonali definiti fil-programmi operattivi u biex jiżguraw l-iskambju effiċjenti ta' prattiki tajbin u koperazzjoni bejn ir-reġjuni; jinsisti li l-eżempji tal-prattiki tajba li jistgħu jkunu effiċjenti f'reġjun partikulari ma jistgħux jiġu applikati bla modifiki għal kwalunkwe reġjun ieħor; jenfasiżża għalhekk fuq in-natura speċifika ta' l-evalwazzjoni fuq livell reġjonali fuq il-bażi ta' indikaturi trasparenti li jkunu aċċettati minn kulħadd u li wieħed jista' jorbot fuqhom;

50. Jenfasizza l-importanza li jiġi meħlus il-potenzjal tar-riċerka fir-reġjuni Ewropej kollha bħala mezz ta' tkabbir fil-kompetittività tar-riċerka Ewropea;

51. Jikkunsidra li għandhom jittieħdu azzjonijiet sabiex jiġu aġġornati il-forom u l-istrumenti ta' koperazzjoni u biex dawn jiġu adattati għall-objettivi ta' l-ERA; jirrakkomanda li jiġu żviluppati aktar inizjattivi bħall-dik ta'koperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika (COST) u n-network pan-Ewropew għal R&D industrijali u orjentat lejn is-suq;

52. Jirrikonoxxi l-irwol li għandhom in-networks ta' eċċellenza fil-ħolqien ta' l-ERA peremzz ta' integrazzjoni li sservi għal ħafna snin, b'hekk ikun evitat it-tifrik ta' l-isforzi fir-riċerka, u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tagħti l-appoġġ tagħha lil networks ta' suċċess sabiex tilħaq dan il-għan;

53. Jenfasizza li koperazzjoni ffukata fil-qasam ta' l-R&D tista' trawwem opportunitajiet importanti maddinja kollha għall-R&D immexxija mill-Ewropa; għalhekk iħeġġeġ biex is-sistemi tar-riċerka nazzjonali u reġjonali jkunu marbuta permezz ta' networks fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jiggarantixxu li tiġi żgurata l-koerenza tal-programmi tar-riċerka nazzjonali u reġjonali u l-prijoritajiet ta' interess Ewropew, bħal b'mod partikulari l-EIT; jistieden lill-Kummissjoni biex f'dan ir-rigward tirrikonoxxi l-importanza ta' xjenzi spazjali u reġjonali għall-koeżjoni territorjali, b'referenza partikulari għall-programm ta' l-2013 tan-Network Ewropew għall-Osservazzjoni ta' Ppjanar Ġeografiku; jemmen li l-koperazzjoni territorjali għandha tiġi żviluppata bħala mezz li bih tintlaħaq massa kritika u jsiru l-preparamenti għall-internazzjonalizzazzjoni; għalhekk jistieden lill-Istati Membri kollha biex ineħħi l-ostakoli amministrattivi transkonfinali li jfixklu l-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' l-għarfien; jirrakkomanda l-metodu ta' koordinazzjoni miftuħa sabiex jiġu kkumparati l-aħjar prattiki nazzjonali f'dan il-qasam;

54. Jikkunsidra li jeħtieġ approċċ aktar wiesa' fl-iffissar ta' prijoritajiet ta' deċiżjonijiet strateġiċi dwar il-finanzjament pubbliku u li l-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija u l-Inizjattivi Konġunti ta' Teknoloġija, fost affarijiet oħra, għandhom jiksbu benefiċċju minn involviment akbar minn-naħa ta' l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati, bħall-universitajiet u l-RPOs u l-SMEs, sabiex ikunu żviluppati l-istrateġiji fuq medda twila ta' żmien; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-investiment għall-R&D u l-innovazzjoni fl-Ewropa; f'dan il-kuntest jirreferi għall-kombinazzjoni ta' l-Aġenda Territorjali Ewropea u l-objettivi ta' Liżbona meħuda fil-linji gwida strateġiċi għall-politika dwar il-koeżjoni, fejn it-tnejn huma pre-kondizzjonijiet biex tkun żgurata l-kompetittività;

55. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kombinati l-approċċ minn fuq 'l isfel ta' l-ERA ma' l-approċċ minn isfel 'il fuq tal-politika reġjonali; jenfasizza l-ħtieġa li titjieb il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet u l-programmi ta' riċerka, bħalma huma l-Pjattaformi Ewropej għat-Teknoloġija u l-programm "ERA-NET";

56. Jemmen li t-tbassir u l-aġendi strateġiċi mfassla mir-riċerka komunitarja għandhom ikunu kkunsidrati meta jitfasslu programmi ta' ħidma u jistieden sabiex ikun hemm proposti fl-FP7;

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

***Ftuħ lejn id–dinja: il-koperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija***

57. Jikkunsidra li l-koperazzjoni fl-R&D tista' tgħin fil-kisba ta' l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp speċifiċi u għalhekk jemmen li huwa importanti li l-politiki ta' koperazzjoni xjentifika ta' l-UE jiġu allinjati ma' l-politika esterna ta' l-UE u mal-programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp;

58. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-koperazzjoni fir-riċerka u trawwem id-djalogu, il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali; jemmen li tali koperazzjoni se tippermetti aktar li l-UE tindirizza kwistjonijiet rilevanti ħafna, bħall-iżvilupp sostenibbli reġjonali, is-saħħa, is-sikurezza ta' l-ikel u l-bidla fil-klima;

59. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda, timplimenta u tappoġġja miżuri biex ittejjeb il-livell ta' parteċipazzjoni tax-xjentisti minn pajjizi li qed jizviluppaw, fi xjenza ta' kollaborazzjoni internazzjonali u l-proġetti R&D u tippromwovi l-aċċess għal proprjetà intellettwali globali eżistenti; jenfasizza l-importanza li riċerkaturi minn pajjiżi terzi jiġu mħajra lejn l-UE partikolarment minn pajjiżi viċini ta' l-UE, inter alia permezz ta' transpożizzjoni aktar mgħaġġla tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għal skopijiet ta' riċerka xjentifika [1], b'kunsiderazzjoni sħiha għall-bżonnijiet tar-riċerkaturi**;** jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' sistema ta' 'blue card' li tkun ta' valur kbir għar-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija li mhumiex koperti minn din id-direttiva;

60. Jispera li l-ERA, fil-kuntest tal-ftuħ tiegħu lejn id-dinja, jagħti post privileġġjat lir-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-UE u lill-pajjiżi u t-territorjiextra-ewropej, sabiex jiġu sfruttati l-vantaġġi u l-benefiċċji li toffri d-diversità reġjonali Ewropea, billi dawn jiġu integrati f'azzjonijiet ta' koperazzjoni xjentifika u teknoloġika b'mod koerenti, fil-qafas tan-'networks ta' eċċellenza';

61. Jikkunsidra li l-pajjiżi viċini ta' l-UE u l-pajjiżi li huma l-aktar allinjati mal-prijoritajiet ġeo-politiċi ta' l-UE, bħal dawk tal-baċin tal-Mediterran u ta' l-Ewropa tal-Lvant, l-Afrika u l-Amerika Latina, għandhom ikunu mħeġġa biex jipparteċipaw fl-ERA permezz ta' aktar promozzjoni ta' ftehim dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika;

62. Jikkunsidra li pajjiżi li huma aktar allinjati mal-prijoritajiet ġeo-politiċi ta' l-UE, bħal dawk tal-baċin tal-Mediterran, għandhom ikunu mħeġġa biex jipparteċipaw f' 'ERA usa' ' li bil-mod tista' tifrex l-iskemi tagħha ta' koordinazzjoni, il-prinċipji ta' qsim ta' għarfien u l-mobilità tar-riċerkaturi lil hinn mill-fruntieri riġidi ta' l-UE u l-pajjiżi assoċjati magħha;

*

* *

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15.

---

# Is-sitwazzjoni fl-Iran

P6_TA(2008)0031

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar l-Iran**

(2009/C 68 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikulari dawk dwar il-kwistjoni nukleari u d-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikulari dawk ir-riżoluzzjonijiet adottati fit-13 ta' Ottubru 2005 [1], fis-17 ta' Novembru 2005 [2], fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2006 dwar il-konfrontazzjoni bejn l-Iran u l-komunità internazzjonali [3] u fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-Iran [4],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Iran, b'mod partikulari dawk ta' l-14 ta' Diċembru 2007,

(1) ĠU C 233 E, 28.9.2006, p. 111.
(2) ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 468.
(3) ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 145.
(4) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0488.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) 1696(2006), 1737(2006) u 1747(2007) dwar il-programm nukleari Iranjan,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Ħidma miftiehem bejn l-Iran u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (AIEA) tal-21 ta' Awissu 2007, immirat biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet marbuta mal-programm nukleari ta' l-Iran (inkluż fid-dokument mehmuż INFCIRC/711 mar-rapport tal-Bord tal-Gvernaturi ta' l-AIEA (GOV/2007/48) tat-30 ta' Awissu 2007 bit-titolu "Implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji ta' l-NPT fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran"),

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bord tal-Gvernaturi ta' l-AIEA, u b'mod partikulari ir-rapport (GOV/2007/58) tal-15 ta' Novembru 2007 bit-titolu "Implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji ta' l-NPT u d-dispożizzjonijiet relevanti tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà 1737(2006) u 1747 (2007) fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran",

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Estimi tas-Servizzi ta' Intelliġenza ta' l-Istati Uniti dwar l-Intenzjonijiet u l-Kapaċitajiet Nukleari ta' l-Iran (US INE), ippubblikat fit-3 ta' Diċembru 2007 u l-istqarrija (stqarrija għall-istampa 2007/22) mid-Direttur Ġenerali ta' l-AIEA, Mohamed ElBaradei, dwar din il-kwistjoni,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 61/176 tad-19 ta' Diċembru 2006 u 62/168 tat-18 ta' Diċembru 2007, ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ta' l-UNGA 62/149 tat-18 ta' Diċembru 2007 dwar moratorju fuq il-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra t-tieni laqgħa interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Majlis tar-Repubblika Islamika ta' l-Iran li saret f'Teheran bejn it-8 u d-9 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2008 f'isem l-UE dwar is-sentenzi tal-mewt fl-Iran,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Artikolu IV tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni ta' l-Armamenti Nukleari (NPT) jiddikjara li xejn f'dak it-Trattat m'għandu jiġi interpretat li jaffetwa lid-dritt inaljenabbli tal-Partijiet kollha għal dak it-Trattat li jiżviluppaw riċerka, produzzjoni u użu ta' enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi bla diskriminazzjoni u bi qbil ma' l-Artikoli I u II ta' dak it-Trattat,

B. billi l-Iran s'issa għadu ma ssospendiex l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u mar-riproċessar u għadu ma implimentax il-Protokolli Addizzjonali tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni Nukleari, kif mitlub mir-Riżoluzzjonijiet tal-UNSC 1696(2006), 1737(2006) u 1747(2007) sabiex jerġa' jagħti kunfidenza fin-natura kompletament paċifika tal-programm tiegħu,

C. billi Dr ElBaradei, fir-rapport imsemmi hawn fuq tal-15 ta' Novembru 2007, innota li sar progress fl-implimentazzjoni tas-salvagwardji ta' l-AIEA fl-Iran u li l-Iran ipprovda aktar informazzjoni dwar l-aspetti ta' l-imgħoddi tal-programm nukleari tiegħu; billi, madankollu, hu enfasizza li hemm bżonn ta' aktar koperazzjoni biex tiġi spjegata l-attività attwali, inklużi t-traċċi ta' uranju arrikkit ħafna li sabu l-ispetturi fis-siti nukleari, u billi ħeġġeġ lill-Iran biex jimplimenta l-protokoll addizzjonali malajr kemm jista' jkun,

D. billi f'taħditiet ma Dr ElBaradei, f'Teheran fit-12 ta' Jannar 2008, il-mexxejja Iranjani qablu li fi żmien erba' ġimgħat iwieġbu għall-bqija tal-mistoqsijiet dwar l-attivitajiet nukleari tal-pajjiż fl-imgħoddi,

E. billi l-US NIE stabbilixxew li l-Iran, wara li waqqaf il-programm tiegħu għall-armi nukleari fl-2003, kien għadu ma reġax bdieh sa nofs l-2007, minkejja l-preokkupazzjonijiet li jirrigwardaw l-arrikkiment ta' l-uranju u l-użu potenzjali tiegħu fil-ġejjieni għall-armi nukleari; billi, wara l-pubblikazzjoni ta' dan il-US NIE, l-azzjoni militari preventiva kontra l-Iran qabel tmiem it-terminu ta' Bush bħala President ta' l-Istati Uniti ma baqgħetx titqies bħala possibilità,

F. billi l-mexxejja tal-G8, fis-samit annwali tagħhom li sar mis-6 sat-8 ta' Ġunju 2007 f'Heiligendaam, enfasizzaw l-importanza li jiġi żviluppat u implimentat mekkaniżmu ta' approċċi multilaterali għaċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari bħala alternattiva għall-attivitajiet nazzjonali ta' arrikkiment u riproċessar,

*Dwar id-drittijiet tal-bniedem*

G. billi s-sitwazzjoni fir-Repubblika Islamika ta' l-Iran rigward l-eżerċizzju tad-drittijiet ċivili u l-libertajiet politiċi marret għall-agħar f'dawn l-aħħar sentejn, b'mod partikolari mill-elezzjonijiet presidenzjali ta' Ġunju 2005 'l hawn, minkejja l-fatt li l-Iran impenja ruħu biex jippromwovi u jħares id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali skond l-istrumenti internazzjonali varji f'dan il-qasam,

H. billi l-għadd ta' eżekuzzjonijiet fl-Iran, inklużi dawk ta' minorenni, u spiss billi jiġu mgħallqa pubblikament, żdied b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar snin u b'mod partikulari f'dawn l-aħħar xhur,

I. billi kien hemm każijiet konfermati ta' eżekuzzjonijiet li sikwit saru fil-pubbliku permezz ta' tgħalliq jew tħaġġir, ta' tortura u trattament ħażin ta' ħabsin, ta' użu sistematiku u arbitrarju ta' l-iżolament fit-tul ta' ħabsin, ta' detenzjoni klandestina, ta' applikazzjoni ta' trattament jew ta' kastigi krudili, diżumani u degradanti, fosthom is-swat bil-frosta u l-amputazzjoni, u ta' impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem,

J. billi żdiedet ir-ripressjoni vjolenti ta' l-oppożizzjoni politika, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġurnalisti, ta' dawk li jużaw l-internet, ta' l-għalliema, ta' l-intellettwali, tan-nisa, ta' l-istudenti, ta' l-attivisti tat-tradeunions u tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi, etniċi, lingwistiċi jew oħrajn,

K. billi dejjem qed tiżdied id-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi bħal ma huma l-Azeri, is-Sufi u s-Sunni, minħabba l-isfond reliġjuż jew etniku tagħhom, u billi dawn il-gruppi jibqgħu jiffaċċjaw ripressjoni tad-drittijiet kulturali u ċivili tagħhom; billi membri ta' ċerti minoranzi bħall-Ahwazis, il-Kurdi u l-Baluchs jiffaċċjaw saħansitra t-tortura u l-eżekuzzjoni,

L. billi l-membri tal-komunitajiet reliġjużi tal-Baha'i ma jistgħux jeżerċitaw il-fidi, huma esposti għal persekuzzjoni iebsa u huma mċaħħda minn kważi kull dritt ċivili (eż. dritt għall-propjetà, aċċess għall-edukazzjoni ogħla) u s-siti reliġjużi tagħhom qed ikunu vvandalizzati,

M. billi bosta attivisti li jiffurmaw parti mill-moviment għad-drittijiet tan-nisa qed ikunu, jew kienu, imħarrka għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-kampanja 'miljun firma', li għandha l-għan li tikseb ir-revoka ta' liġijiet li jiddiskriminaw kontra n-nisa u li l-pjan tagħha huwa li l-firem jitressqu quddiem il-Parlament Nazzjonali (Majlis), billi l-Iran għadu mhux stat kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Eliminazzjoni ta' kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

N. billi mijiet ta' professuri tneħħew mill-pożizzjonijiet tagħhom ta' għalliema bl-akkuża li kienu wisq sekolari, u billi numru kbir ta' studenti ġew arrestati wara protesti, bħal dawk li pparteċipaw f'dimostrazzjonijiet fil-Jum Nazzjonali ta' l-Istudenti Universitarji fis-7 ta' Diċembru 2007,

O. billi r-reġistrazzjoni ta' kandidati għall-elezzjonijiet parlamentari tal-Majlis f'Marzu 2008 għalqet fl-10 ta' Jannar 2008, il-Minsteru ta' l-intern se jħabbar id-deċiżjonijiet mit-22 ta' Jannar 2008, u l-Kunsill Gwardjan, li jissorvelja l-validità ta' l-elezzjonijiet skond il-Kostituzzjoni, għandu d-dritt li jiskwalifika l-kandidati,

*Dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran*

P. billi d-Djalogu Komprensiv bejn l-UE u l-Iran ġie sospiż mill-Iran f'Diċembru 2003 u ma saret l-ebda laqgħa fil-qafas tad-Djalogu bejn l-UE u l-Iran dwar id-Drittijiet tal-Bniedem minn Ġunju 2004,

Q. billi r-relazzjonijiet ta' l-UE ma' l-Iran f'dawn l-aħħar snin ġew ibbażati fuq approċċ minn tliet naħat, ikkaratterizzat minn negozjati dwar Ftehima ta' Kummerċ u Koperazzjoni, djalogu politiku u djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, u billi dawn it-tliet aspetti ma jistgħux jitqiesu separatament,

***Fuq il-kwistjoni nukleari***

1. Jafferma mill-ġdid li r-riskji tal-proliferazzjoni tal-programm nukleari Iranjan jibqgħu għajn ta' tħassib serju għall-UE u għall-komunità internazzjonali, kif espress b'mod ċar ħafna fir-Riżoluzzjonijiet tal-UNSC 1696(2006), 1737(2006) u 1747(2007); għalhekk jiddispjaċih li l-Iran għadu ma kkonformax ma' l-obbligi internazzjonali tiegħu li jissospendi l-attivitajiet kollha marbuta ma' l-arrikkiment u dawk kollha ta' pproċessar mill-ġdid;

2. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi ta'l-UE biex issib soluzzjoni negozjata dewwiema dwar il-kwistjoni nukleari ma' l-Iran u jissottolinja l-irwol essenzjali li jrid jintlagħab mill- AIEA;

3. Jinnota l-progress li sar dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma bejn l-AIEA u l-Iran, u jtenni t-talbiet tiegħu lill-Iran biex ireġġa' għal li kienet it-trasparenza tal-programm nukleari tiegħu billi jipprovdi tweġibiet kompluti, ċari u kredibbli lill-AIEA, biex jirriżolvi l-kwistjonijiet u l-punti ta' importanza li għadhom ma ġewx indirizzati dwar dan il-programm, inklużi suġġetti li jista' jkollhom dimensjoni militari, biex jimplimenta għal kollox id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Komprensiv ta' Salvagwardja inklużi l-arranġamenti sussidjarji tiegħu, u biex jirratifika u jimplimenta l-Protokoll Addizzjonali;

4. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għar-riżoluzzjonijiet tal-UNSC adottati skond l-Artikolu 41, Kapitolu VII tal-Karta tan-NU; japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew imsemmija hawn fuq ta' l-14 ta' Diċembru 2007; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim li ntlaħaq fil-laqgħa tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-membri permanenti tal-UNSC u tal-Ġermanja, kif ukoll ir-Rappreżentant Għoli ta' l-UE għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP), waqt il-laqgħa tagħhom f'Berlin fit-22 ta' Jannar 2008 dwar abbozz ġdid ta' riżoluzzjoni fuq l-Iran li tipprevedi aktar miżuri u l-fatt li l-komunità internazzjonali ssostni approċċ komuni lejn il-kwistjoni;

5. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li soluzzjoni għall-eskalazzjoni nukleari preżenti hija possibbli u li l-ebda azzjoni militari m'għandha tiġi kkunsidrata; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi ta' Dr El Baradei biex sa Marzu 2008 jsolvi ma' l-Iran il-kwistjonijiet kollha li għadhom ma ġewx solvuti; jistieden lill-Amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti u lill-atturi l-oħra kollha li huma involuti biex jirrinunzjaw għal kull retorika fuq għażliet militari u politiki ta' bidla ta' reġim kontra l-Iran;

6. Jinnota s-sejbiet riċenti tal-US NIE dwar il-programm nukleari militari u ċivili ta' l-Iran; jidhirlu li dawn is-sejbiet jikkonfermaw il-politika ta' l-UE ta' approċċ fuq żewġ linji biex tikkonvinċi lill-Iran b'mod diplomatiku biex jikkonforma b'mod sħiħ mat-talbiet ta' l-AIEA biex jabbanduna ir-rabta militari potenzjali mall-programm ċivili b'manjiera kredibbli u kontrollabbli;

7. Iħeġġeġ lill-Iran, għalhekk, biex jidħol, mingħajr dewmien, f'serje ġdida ta' negozjati dwar id-direzzjoni futura tal-programm nukleari tiegħu u biex jissospendi kull attività marbuta ma' l-arrikkiment; jistieden lill-Istati Uniti, wara s-suċċess diplomatiku tagħha fin-negozjati mal-Korea ta' Fuq, biex tipparteċipa b'mod dirett fin-negozjati ma' l-Iran flimkien ma' l-UE, peress li l-Istati Uniti tinsab f'pożizzjoni li toffri garanziji ta' sigurtà addizzjonali, b'mod notevoli f'qafas multilaterali taħt l-awspiċi ta' l-AIEA fi Vjenna;

8. Jitlob li passi ta' diżarmament nukleari multilaterali kredibbli billi jiġi msaħħaħ l-NPT, u jistieden lill-UE biex tieħu f'idejha r-responsabilità biex toħroġ in-negozjati dwar id-diżamrmamenti nuklear mill-istaġnar li bħalissa jinsabu fih;

9. Jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm koperazzjoni ma' l-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina u l-pajjiżi mhux allineati sabiex jiġu meqjusa kunċetti kumplementari bit-tama li jintlaħaq ftehim komprensiv ma' l-Iran dwar il-faċilitajiet nukleari tiegħu u l-użu tagħhom li jkun iqis il-preokkupazzjonijiet ta' l-Iran dwar is-sigurtà;

10. Jidhirlu li ftehim komprensiv bħal dan għandu jgħin biex tinkiseb sistema sostenibbli ta' sigurtà reġjonali li tkun tinkludi lill-Indja, lill-Pakistan u qawwiet oħra nukleari, u jemmen li l-Iran għandu jassumi r-responsabilitajiet tiegħu bħala attur reġjonali;

11. Jistieden lill-komunità internazzjonali biex taħseb b'mod serju dwar il-ħolqien ta' qafas multilaterali ġdid għall-utilizzazzjoni ta' l-enerġija nukleari u biex tieħu azzjoni b'mod urġenti dwar dan il-qafas li jkun jiggarantixxi provvisti ta' fjuwil nukleari filwaqt li jkun iċekken kemm jista' jkun ir-riskju tal-proliferazzjoni, kif propost mill-AIEA;

*Dwar id-drittijiet tal-bniedem*

12. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu minħabba d-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran matul dawn l-aħħar snin; jappella lill-awtoritajiet Iranjani biex jonoraw l-obbligi tagħhom skond l-istandards u l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem irratifikati mill-Iran, billi jippromwovu valuri universali u billi jagħtu lill-persuni kollha d-dritt li jeżerċitaw id-drittijiet ċivili u l-libertajiet politiċi tagħhom, u jfakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar dan imsemmija hawn fuq adottata fil-25 ta' Ottubru 2007;

13. Jikkundanna bil-qawwa s-sentenzi tal-mewt u l-eżekuzzjonijiet fl-Iran, b'mod partikulari dawk imposti jew imwettqa fuq delinkwenti taħt l-età u fuq minorenni, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex jirrispettaw is-salvagwardji legali li huma rrikonoxxuti b'mod internazzjonali rigward il-minorenni, bħal m'hi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

14. Jinsab imħasseb serjament dwar iż-żjieda drammatika fir-ripressjoni tal-movimenti tas-soċjetà ċivili fl-Iran matul is-sena li għaddiet; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex iwaqqfu għal kollox ir-ripressjoni ħarxa kontra d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, l-attivisti tal-kampanja tal-"miljun firma", il-movimenti ta' l-istudenti, id-difensuri tad-drittijiet tal-minoranzi, l-intellettwali, l-għalliema, il-ġurnalisti, il-bloggers u l-attivisti tat-tradeunions l-aktar is-Sur Mansour Osanloo u s-Sur Mahmoud Salehi — u jitlob għall-ħelsien ta' dawk kollha li ntbagħtu l-ħabs talli esprimew il-konvinzjonijiet tagħhom b'mod paċifiku;

15. Jipprotesta bil-qawwi kontra l-eżekuzzjoni fl-Iran fit-30 ta' Jannar 2008 fl-4.00 ta' filgħodu ħin lokali ta' l-attivist Ahwazi Zamel Bawi, li hu d-19 il-attivist Ahwazi maqtul f'dawn l-aħħar tnax-il xahar u jħeġġeġ lill-gvern Iranjan sabiex ma jkomplix bl-eżekuzzjoni taċ-ċittadin Olandiż u attivist tad-drittijiet tal-bniedem Faleh Abdulah al-Mansouri kif ukoll tar-refuġjati rikonoxxuti mill-UNHCR Rasoul Ali Mazrea u Said Saki, li t-trasferiment tagħhom lejn in-Norveġja hu assigurat, u wkoll sabiex dawn jitħallew imorru lejn il-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom jew ta' refuġju;;jitlob, bl-istess mod, għall-ħelsien tal-ġurnalisti Kurdi Abdolvahed 'Hiwa' Butimar u Adnan Hassanpour li kienu kkundannati għall-mewt;

16. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex jeliminaw, fil-liġi u fil-prattika, kull forma ta' tortura inklużi eżekuzzjonijiet estremament diżumani u trattament jew kastig krudili, inuman u degradanti, u biex isostni l-proċess xieraq tal-liġi u jġib fi tmiemha l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex jemendaw b'urġenza l-kodiċi penali sabiex jittrasformaw il-moratorju dwar it-tħaġġir għal projbizzjoni definittiva;

17. Jilqa' r-riżoluzzjoni imsemmija hawn fuq tal-UNSC 62/149 dwar moratorju fuq il-piena tal-mewt li titlob li jiddaħħal moratorju mad-dinja kollha bħala pass lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt; jistieden lill-Iran biex japplika r-riżoluzzjoni dwar moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet li ġiet adottata dan l-aħħar;

18. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex jirrispettaw is-salvagwardji legali li huma rrikonoxxuti b'mod internazzjonali fir-rigward ta' persuni li jappartjenu lil minoranzi reliġjużi, etniċi, lingwistiċi jew xi minoranzi oħra, rikonoxxuti jew mod ieħor; jikkundanna bil-qawwa in-nuqqas ta' rispett għad-dritttijiet tal-minoranzi u jitlob li l-minoranzi jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha mogħtija mill-Kostituzzjoni Iranjana u mil-liġi internazzjonali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex jaġixxu b'mod kostituzzjonali u jeliminaw, fil-liġi u fil-prattika, kull forma ta' diskriminazzjoni u ksur ieħr tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni li jappartjenu lil minoranzi reliġjużi, etniċi, lingwistiċi jew minoranzi oħra, inklużi, inter alia, Għarab, Azeris, Baluchs, Kurdi, Baħa'in, Insara, Lhud, Sufijin u l-Musulmani Sunniti; jitlob b'mod partikulari li l-projbizzjoni de facto fuq il-prattika tal-fidi Baħa'i titneħħa;

19. Jikkundanna r-ripressjoni kontra l-opponenti politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, il-bloggers, l-għalliema, l-intellettwali, in-nisa, l-istudenti, l-attivisti tat-tradunions, u persuni li jappartjenu lil minoranzi reliġjużi, etniċi, lingwistiċi u minoranzi oħra; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex iwaqqfu l-fastidju, l-intimidazzjoni u l-persekuzzjoni ta' dawn iċ-ċittadini, u biex mingħajr kundizzjonijiet jeħilsu lill-priġunieri tal-kuxjenza;

20. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu bl-eżami tagħhom tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran u biex iressqu quddiem il-Parlament fl-ewwel nofs ta' l-2008 rapport komprensiv dwar is-sitwazzjoni, inklużi proposti għal proġetti li jistgħu jkunu ffinanzjati fil-qafas ta' l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem;

21. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-forzi politiċi demokratiċi kollha u għas-soċjetà ċivili, b'mod speċjali għall-assoċjazzjonijiet tan-nisa u ta' l-istudenti li qed jagħmlu kampanji non-vjolenti fl-Iran, minkejja r-ripressjoni dejjem akbar, għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

22. Jistenna li l-awtoritajiet Iranjani jeżerċitaw ir-responsabilità tagħhom għall-proċedura ta' screening tal-kandidati għall-elezzjonijiet nazzjonali li se jsiru dalwaqt b'tali mod li jkun iggarantit li jkunu ħielsa u ġusti;

***Dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran***

23. Jissottolinja li l-konklużjoni ġejjiena possibbli ta' Ftehim ta' Koperazzjoni u Kummerċ bejn l-Iran u l-UE jiddependi minn titjib sostanzjali fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' l-Iran kif ukoll mill-koperazzjoni sħiħa ta' l-Iran ma' l-AIEA u minn garanziji objettivi rigward in-natura paċifika tal-programm nukleari tiegħu;

24. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Appell ta' l-Organizzazzjonijiet Proskritti Britanniċi tat-30 ta' Novembru 2007, li tistieden lill-Ministru ta' l-Intern Britanniku biex minnufih ineħħi lill-PMOI mil-lista ta' organizzazzjonijiet proskritti;

25. Jieħu nota tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Prim'istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Diċembru 2006 ([1]);

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq komunikazzjoni fuq is-sitwazzjoni u l-perspettivi tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran u jħeġġeġ liż-żewġ naħat biex jibdew mill-ġdid id-djalogu fuq id-drittijiet tal-bniedem, b'mod parallel man-negozjati għal-Ftehim ta' Koperazzjoni u Kummerċ, li jistgħu jiġu konklużi jekk l-Iran jagħmel il-progress meħtieġ fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u dwar il-kwistjoni nukleari;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi delegazzjoni fl-Iran sabiex tippromwovi d-djalogu ma' l-awtoritajiet u mas-soċjetà ċivili u biex tintensifika l-kuntatti li jikkonċernaw, b'mod notevoli, l-għajnuna lir-rifuġjati u l-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi;

*

* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-Presidenti tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tas-CFSP, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Presidenti tal-UNSC, ta' l-UNGA u tal-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, lid-Direttur Ġenerali ta' l-AIEA, lill-Kap tal-Qorti Suprema ta' l-Istat ta' l-Iran, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran.

([1]) 1 Każ T-228/02, Rec. 2006, p. II-4665.

# Ir-riżultat tal-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima

P6_TA(2008)0032

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar ir-riżultat tal-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima (COP 13 u COP/MOP 3)**

(2009/C 68 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Tlettax-il Konferenza tal-Partijiet (COP 13) fil-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u t-Tielet Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kyoto (COP/MOP 3) li saru f'Bali, l-Indoneżja, bejn it-3 u l-15 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tar-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni (AR4) tal-Panel Intergovernamentali dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) ippubblikat f'Valenzja, Spanja, fis-17 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu rigward il-bidla fil-klima, u b'mod partikulari tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-limitar tal-bidla fil-klima dinjija għal 2 gradi Celsius — it-triq lejn il-Konferenza ta' Bali dwar il-Bidla fil-Klima u lil hinn (COP 13 u COP/MOP3) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Bord Intergovernamentali dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) jafferma li l-pass dejjem aktar mgħaġġel tal-bidla fil-klima hu riżultat ta' l- attività tal-bniedem u li diġà qed ikollu effetti dinjija serji,

B. billi l-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali jappoġġja l-konklużjonijiet ta' l-IPPC AR4 li m'hemm l-ebda dubju dwar it-tisħin globali, u li d-dewmien fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet jillimita b'mod sinifikanti l-opportunitajiet li jinkisbu livelli ta' stabbilizzazzjoni iktar baxxi u jżid ir-riskju ta' impatti fuq il-klima aktar gravi;

C. billi ħafna nħawi fid-dinja diġà ġew affettwati mill-effetti ta' żieda fit-temperaturi medji globali, u billi l-aħħar evidenza xjentifika tissuġġerixxi li l-mira ta' l-UE fuq medda twila ta' żmien u li dwarha kien hemm qbil, li tillimita t-tisħin għal +2°C meta mqabbla mal-livelli ta' qabel l-era industrijali, tista' ma tkunx biżżejjed biex jiġu evitati l-effetti negattivi sinifikanti tal-bidla fil-klima,

D. billi l-bidla fil-klima hi problema fit-tul u billi miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir waħidhom mhux se jkunu biżżejjed biex iwasslu għal effetti pożittivi fuq il-klima; billi għas-sistema tal-klima huwa kruċjali li jkun żgurat li l-emissjonijiet globali jilħqu l-livell massimu tagħhom fl-10-15-il sena li ġejjin,

E. billi l-pajjiżi industrijalizzati għandhom responsabilità ewlenija għall-akkumulazzjoni ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) fl-atmosfera; billi huma l-ifqar pajjiżi u l-ifqar popolazzjonijiet li l-aktar ser jintlaqtu minn klima aktar instabbli,

F. billi ftehima internazzjonali wiesgħa dwar miri fuq medda twila ta' żmien għal tnaqqis fl-emissjonijiet hi assolutament essenzjali sabiex tipprovdi ċertezza għall-investiment f'teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll għal effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u forestrija sostenibbli, u biex ikunu evitati investimenti f'infrastruttura ta' l-enerġija inkompatibbli mal-miri rigward l-emissjonijiet,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Partijiet fil-Konferenza ta' Bali biex jitnieda, fil-qafas tal-UNFCCC, proċess formali ta' negozjati għall-ftehima internazzjonali dwar il-klima għall-perjodu wara l-2012 bl-iskop li jinkiseb ftehim u tkun adotatta deċiżjoni fil-Ħmistax-il Konferenza tal-Partjiet, li se tinżamm fl-2009;

2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali fih skeda ċara, jagħti l-iskadenza ta' l-2009 għall-konklużjoni tal-ftehima u jindika l-kwistjonijiet ewlenin li se jkunu indirizzati tul in-negozjati u jemmen li b'hekk dan jipprovdi bażi tajba għall-proċess ta' nnegozjar;

3. Itenni li tali ftehim għandu jibni fuq prinċipji ewlenin u l-mekkaniżmi tal-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kyoto u jqis ir-responsabilitajiet komuni iżda differenzjati u li għandu jkun ibbażat fuq l-elementi identifikati fil-Paragrafu 2 tar-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007;

4. Iqis li s-superament tad-distinzjoni riġida bejn il-pajjiżi ta' l-Anness I u dawk li m'humiex parti mill-Anness I hija waħda mill-kisbiet l-iktar sinifikanti tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali;

5. Jenfasizza l-irwol kostruttiv u ta' tmexxija li l-UE ħadet fil-Konferenza ta' Bali, li ffaċilita ħafna l-progress minkejja d-diffikultajiet fin-negozjati; jappoġġja l-kontinwazzjoni ta' rwol tant attiv fin-negozjati li ġejjin u jinsisti li l-Parlament irid ikun involut ħafna f'dawn in-negozjati;

6. Jilqa' r-rikonoxximent mill-Partijiet li l-AR4 ta' l-IPCC jirrappreżenta l-iktar valutazzjoni komprensiva u awtorevoli s'issa tal-bidla fil-klima, li jipprovdi perspettiva xjentifika, teknika, u soċjo-ekonomika integrata dwar kwistjonijiet rilevanti, kif ukoll l-inkoraġġiment biex wieħed juża' din l-informazzjoni fl-iżvilupp ta' politiki nazzjonali dwar il-bidla fil-klima;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0537.

7. Jiddispjaċih li ma kienx possibbli li jsiru riferenzi espliċiti għax-xjenza f'rabta mat-tnaqqis meħtieġ ta' l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali; jilqa', madankollu, ir-rikonoxximent tal-Partijiet fil-Protokoll ta' Kyoto li tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fil-firxa bejn 25-40 % meta mqabbel ma' l-1990 mill-pajjiżi industrijalizzati bħala grupp huwa meħtieġ sa l-2020;

8. Ifakkar li l-pajjiżi industrijalizzati, inklużi dawk li għadhom ma rratifikawx il-Protokoll ta' Kyoto, irid ikollhom irwol ta' tmexxija fl-indirizzar tal-bidla fil-klima fuq livell dinji u jridu jimpenjaw ruħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom b'mill-inqas 30 % sas-sena 2020 u b'mill-inqas 60 %-80 % sas-sena 2050 meta mqabbla mas-sena 1990;

9. Jilqa' l-approċċ kostruttiv għan-negozjati li ttieħed mill-maġġoranza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-impenn tagħhom li jimpenjaw ruħhom f'azzjonijiet ta' mitigazzjoni li jkunu xierqa fis-sitwazzjoni nazzjonali fil-kuntest ta' żvilupp sostenibbli, li jkunu appoġġjati u magħmula possibbli mit-teknoloġija, mill-finanzjament u l-bini tal-kapaċità, b'mod li jista' jitqies, ikun irrappurtat u vverifikat;

10. Jenfasizza li l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli huwa dritt għal pajjiżi li qed jiżviluppaw kollha; jenfasizza li l-Unjoni Ewropea u pajjiżi industrijalizzati oħra jridu jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-iżvilupp ta' teknoloġiji sostenibbli;

11. Ifakkar li l-kredibilità u l-effettività ta' l-isforzi dinjija ma jisgħux jinkisbu mingħajr impenji iktar fil-fond, u li jistgħu jitqiesu, ikunu irrappurtati u vverifikati mill-partjiet kollha involuti;

12. Iqis li huwa fundamentali għas-suċċess tal-politika internazzjonali dwar il-klima li tinstab soluzzjoni ġusta;

13. Iqis li, bħala innovazzjoni meta mqabbla mal-Protokoll ta' Kyoto, is-sitwazzjoni differenti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tkun riflessa fl-impenji li jittieħdu u li l-pajjiżi emerġenti għandhom jaċċettaw limiti fuq l-emissjonijiet tagħhom skond l-istadju ta' żvilupp tagħhom, il-kompożizzjoni settorali ta' l-ekonomiji tagħhom, il-potenzjal tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet u l-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tagħhom;

14. Iqis li hemm lok għall-innovazzjoni, f'rabta mal-mekkaniżmi eżisteni tal-Protokoll ta' Kyoto, fil-forma ta' impenji u miri stipulati għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk emerġenti, sabiex tali impenji jkunu kompatibbli mal-bżonnijiet u l-kapaċitajiet ta' kull pajjiż, sakemm dawk ikunu jistgħu jitqiesu, ikunu irrappurtati u vverifikati;

15. Jilqa' d-deċiżjoni li jsir programm ta' xogħol dwar kwistjonijiet metodoloġiċi rigward firxa ta' approċċi ta' politika u inċentivi pożittivi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jqis b'mod bilanċjat il-funzjonijiet multipli u l-benefiċċji tal-foresti għall-bijodiversità, il-funzjonament ta' l-ekosistemi u l-għajxien tan-nies lokali; jilqa' wkoll il-fatt li l-Partijiet huma inkuraġġiti biex jappoġġjaw il-bini tal-kapaċità, biex jipprovdu għajnuna teknika u biex jagħmlu sforzi, inklużi proġetti pilota, biex jindirizzaw il-kawżi tad-deforestazzjoni u l-bżonn ta' appoġġ għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni rigward l-immaniġġjar tal-Fond għall-Adattament b'mod effettiv u trasparenti, li jiżgura li dan isir operattiv fi stadju bikri ta' l-ewwel perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kyoto;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li jitnieda programm strateġiku biex jiżdied il-livell ta' investiment għall-iżvilupp, it-trasferiment u l-użu ta' teknoloġiji ta' mitigazzjoni u adattament lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll l-allokatazzjoni lill-Grupp ta' Esperti dwar it-Trasferiment tat-Teknoloġija tal-kompitu ta' valutazzjoni tan-nuqqasijiet u l-ostakoli għall-użu ta', u l-aċċess għal, riżorsi finanzjarji.

18. Huwa tal-fehma li r-riċerka, u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji għall-enerġija iktar effiċjenti u inqas għoljin għandhom jingħataw prijorità għolja; jitlob għall-kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-gvernijiet, l-industrija u l-komunità tar-riċerka u s-soċjetà ċivili;

19. Jikkunsidra li l-Konferenza/Laqgħa li jmiss tal-Partijiet f'Poznan għandha tiffoka fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw u, għalhekk, jinsisti li jsiru sforzi serji biex jintlaħaq progress reali rigward inċentivi, inklużi strumenti bbażati fuq is-suq, biex tiġi evitata d-deforestazzjoni u jiġi inkuraġġiti l-forestrija, l-iffinanzjar ta' l-adattament u titjib fit-trasferiment u t-tħaddim ta' teknoloġiji nodfa f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;

20. Jitlob għall-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji sinifikattivi u prevedibbli fil-qafas tal-politiki ta' l-UE sabiex jiġu megħjuna l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jadattaw ruħhom għall-impatt tal-bidla fil-klima u biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra kif ukoll id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti; ifakkar fil-bżonn ta' monitoraġġ kritiku aktar mill-qrib ta' l-impatt reali ta' strumenti finanzjarji eżistenti u futuri relatati mal-klima fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw; iqis li l-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif (CDM) għandu jiġi rriformat sabiex jagħti l-potenzjal sħiħ tiegħu waqt il-perjodu ta' impenn 2008-2012;

21. Jenfasizza li "greening" tal-politika ta' żvilupp u ta' l-għajnuna ta' l-UE hija neċessarja u urġenti, u għandha tiġi implimentata mingħajr ma tikkontradixxi l-politiki ta' l-UE dwar l-ambjent u l-bidla fil-klima; jiddispjaċih li f'dan il-qasam il-progress mexa bil-mod ħafna u jitlob lit-tmexxija ta' l-UE biex tagħmel il-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima u l-adattament prijoritajiet ewlenin fil-politiki ta' l-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

22. Jenfasizza li, sabiex tinżamm il-kredibilità tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali, pajjiżi industrijalizzati għandhom, bħala kwistjoni ta' urġenza, jidħlu fi sħubiji tal-klima flimkien ma' ekonomiji emerġenti kbar bħaċ-Ċina u l-Indja biex jippromwovu kooperazzjoni mill-qrib dwar ir-riforma tal-politika ta' l-enerġija, il-bini ta' kapaċitajiet, appoġġ għall-investiment fl-effiċjenza ta' l-enerġija u teknoloġija baxxa fil-karbonju;

23. Jiddispjaċih li ma kienx possibbli li tiġi inkluża riferenza għall-ħtieġa li jsir ftehim fuq tnaqqis obbligatorju ta' emissjonijiet fl-avjazzjoni u fit-trasport marittimu; jinnota li l-mandat ta' Bali ma jeskludix miżuri obbligatorji għall-avjazzjoni u t-trasport marittimu; jirrepeti s-sejħa tiegħu biex l-emissjonijiet fl-avjazzjoni u t-trasport marittimu jiġu inklużi fl-impenn ta' tnaqqis internazzjonali tal-GHG għall-perjodu wara l-2012 taħt l-awpiċji tal-UNFCCC, peress li l-Organizzazzjoni Internazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) ma rriżultawx effiċjenti fil-mod kif ittrattaw il-kwistjoni;

24. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li s-setturi ewlenin kollha involuti fil-kummerċ internazzjonali jkunu inklużi fl-impenji u l-benchmarks dwar il-klima mad-dinja kollha, sabiex ikun iggarantit li l-miri globali għall-bidla fil-klima jintlaħqu u biex tiġi evitata d-distorzjoni fil-kompetizzjoni madwar id-dinja;

25. Jitlob għal reviżjoni urġenti tal-politika ta' l-UE dwar il-bijofjuwils, b'enfasi partikolari fuq is-sostenibilità tal-ħajja kollha ta' kull bijofjuwil f'termini ta' tnaqqis ta' GHG; jenfasizza li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-bijofjuwils bħala alternattiva ta' enerġija għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ u jissalvagwardjaw kontra kull impatt ambjentali, soċjali u ekonomiku negattv assoċjat miegħu; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tipproponi standards robusti u kriterji ċari għall-produzzjoni ta' bijofjuwils;

26. Jenfasizza li l-Parlament qed jistenna bil-ħerqa r-rapport mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurta' Komuni (PESK) dwar il-konsegwenzi tal-bidla fil-klima fuq is-sigurtà internazzjonali kif rikjest mill-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel tal-21-22 ta' Ġunju 2007; jenfasizza li għandha ssir enfasi partikolari fuq oqsma ewlenin bħall-mitagazzjoni, l-adattament u l-mainstreaming tal-bidla fil-klima fil-politiki kollha, għaliex il-bidla fil-klima tista' tkun kawża importanti fid-distabbilizzazzjoni ta' l-ifqar pajjiżi;

27. Konxju tal-kobor ta' l-isfida tan-negozjati li ġejjin, jinsisti li l-politika għall-klima ssir prijorità u komponent ewlenin fir-relazzjonijiet esterni kollha ta' l-UE ma' pajjiżi terzi, fil-konvenzjonijiet reġjonali u fl-organizzazzjonijiet ekonomiċi; barra minn dan jistieden lill-erba' Presidenzi (is-Slovenja, Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Isvezja) fl-2008 u fl-2009 sabiex jżommu l-Parlament Ewropew infurmat dwar l-objettivi tagħhom dwar il-politika għall-klima, kif ukoll sabiex jirrappurtaw regolarment, flimkien mal-Kummissjoni, dwar il-progress li jkun sar fin-negozjati;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tesplora, sakemm ma jkunx hemm kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, possibilitajiet għall-industrija sabiex isaħħaħ l-opportunitajiet ekonomiċi tagħha billi tiżviluppa industrija innovattiva "favur il-klima"; għalhekk jitlob sabiex issir riflessjoni fi ħdan id-WTO sabiex jiġu stabbiliti miżuri temporanji li jiffavorixxu l-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti li huma favur il-klima u ta' teknoloġiji innovativi;

29. Jitlob lill-kumitati u lid-delgazzjonijiet permanenti u temporanji relevanti kollha tiegħu sabiex jaħdmu mill-qrib flimkien dwar il-bidla fil-klima, sabiex jiggarantixxu approċċ koerenti u koordinat fil-politiki kollha tiegħu, jiġifieri, dawk ambjentali, industrijali, għall-enerġija u t-trasport, għar-riċerka u l-iżvilupp u, b'mod partikolari, għall-kummerċ u l-politika għall-investiment, kif ukoll inizjattivi oħrajn fir-rigward tal-miri għall-bidla fil-klima; jitlob li l-kwistjonijiet dwar il-bidla fil-klima jitqajmu regolarment fil-livell tad-delegazzjoni interparlamentari u fil-kuntest tad-Djalogu Leġiżlattiv Tranżatlantiku;

30. Jirrikonoxxi li l-kredibilità tan-negozjati ta' l-UE sserraħ fuq is-suċċess ta' l-isforzi ta' l-Ewropa għat-tnaqqis domestiċi u għall-iżvilupp u t-trasferiment ta' teknoloġiji baxxi fil-karbonju lil pajjiżi oħrajn; għalhekk jitlob l-adozzjoni ta' politiki u miżuri fil-livelli kollha, lokali, nazzjonali u dak Ewropew, li jiżguraw li sa l-2020 l-UE tikseb tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gass b'effett serra ta' l-anqas ta' 30 % fuq il-livelli ta' l-1990, sakemm pajjiżi industrijalizzati oħrajn jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis simili fl-emissjonijiet u li pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma ekonomikament avvanzati jagħtu kontribut skond ir-responsabilitajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom; jirrikonoxxi l-obbligu aċċettat mill-UE — irrispettivament mill-konklużjoni ta' ftehima globali wara l-perjodu ta' wara l-2012 — li sa l-2020 tnaqqas il-gassijiet b'effett serra b'ta' l-anqas 20 % fuq il-livelli ta' l-1990; jiltob l-adozzjoni ta' politiki u miżuri li jappoġġjaw l-infiq ta' aktar fondi kemm fil-livell nazzjonali u kif ukoll dak Ewropew fir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D) u fl-innovazzjoni għat-tnaqqis ta' gassijiet b'effett serra (GHG);

31. Jistieden lill-UE sabiex tuża s-saħħa u l-influwenza tagħha, bħala parteċipant ewlieni fl-arena internazzjonali u sħab mad-dinja li qed tiżviluppa, sabiex tintroduċi objettivi koerenti għall-bidla fil-klima fil-livell internazzjonali;

32. Jenfasizza r-responsabilità storika ta' pajjiżi li fil-parti l-kbira tagħhom huma industrijalizzati bħala l-produtturi ewlenin ta' emissjonijiet ta' gass b'effett serra u għalhekk jistedinhom sabiex jagħmlu impenn akbar sabiex jevitaw u jillimitaw xenarji ta' diżastri naturali u inkwiet soċjali li jsegwi sakemm it-tisħin dinji ma' jiġix limitat;

33. Jinnota l-inizjattiva li ħadet l-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti li ssejjaħ ħames laqgħat oħrajn ta'dawk li l-aktar jarmu emissjonijiet fid-dinja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri konċernati sabiex jipparteċipaw bil-kundizzjoni li l-organizzaturi joffru proposti konkreti għal miri ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fuq perjodu qasir li jkunu konsistenti mal-miri u l-objettivi tal-UNFCCC; jistieden lil dawk li l-aktar jarmu emissjonijiet fid-dinja sabiex jikkordinaw l-isforzi tagħhom ma' dawk tal-UNFCCC;

34. Jinnota li l-Konferenza/Laqgħa tal-Partijiet imsemmija hawn fuq li se sseħħ f'Poznan ser issir fl-istess waqt tal-Kunsill Ewropew; jistieden lill-Kunsill sabiex jiskeda mill-ġdid il-Kunsill Ewropew sabiex ikun possibbli li l-Kapijiet ta' l-Istati u l-Kapijiet tal-Gvernijiet jattendu l-COP/MOP u sabiex jiżgura li l-COP/MOP tingħata attenzjoni sħiha mill-gvernijiet;

35. Jinsab konvint li biex l-objettivi msemmija hawn fuq jinkisbu hemm bżonn li tiġi involuta l-midja, li l-irwol tagħha jkun vitali fil-ħolqien ta' l-għarfien meħtieġ tal-massa dwar il-bidliet fil-klima li ser iseħħu fuq perjodu qasir u medju;

36. Jemmen, bi qbil ma' dak li ġie diskuss fil-Konferenza ta'Bali ma' rappreżentanti parlamentari minn madwar id-dinja kollha, li l-Parlament jista' u għandu jkollu rwol importanti bħala kordinatur ta' forum interparlamentari permanenti dwar il-bidla fil-klima; għalhekk jitlob lill-entitajiet relevanti tiegħu sabiex jikkunsidraw din il-possibilità;

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), bit-talba li din tiġi ċċirkulata mal-partijiet kollha involuti li m'humiex relatati ma' l-UE u ma' l-osservaturi tal-Konvenzjoni assoċjati magħhom.

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

# Pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija: it-twettiq tal-potenzjal

P6_TA(2008)0033

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-Pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija: it-twettiq tal-potenzjal (2007/2106(INI))**

(2009/C 68 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija: It-Twettiq tal-Potenzjal' (COM(2006)0545),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (SEC(2006)1173) li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq,

— wara li kkunsidra l-evalwazzjoni ta' l-impatt tal-Pjan ta' Azzjoni (SEC(2006)1174), u t-taqsira eżekuttiva (SEC(2006)1175),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata 'Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa' (COM(2007)0001),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, dwar l-approvazzjoni tal-Kunsill ta' 'Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2009) — Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa' (7224/07),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE tat-22 ta' Settembru 1992 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard dwar il-prodott dwar il-konsum ta' l-enerġija u riżorsi oħra skond it-tip ta' apparat domestiku ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/91/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar ir-rendiment ta' l-enerġija tal-bini ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern ta' l-enerġija ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija ([5]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1005/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konlużjoni ta' Ftehim bejn il-Gvern ta' l-istati Uniti ta' l-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar il-koordinament ta' programmi ta' ttikkettar dwar effiċjenza fl-enerġija għat-tagħmir ta' l-uffiċċju ([6]) u għat-test tal-ftehim msemmi hawn fuq ([7]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm Komunitarju ta' tikettar ta' l-effiċjenza fl-enerġija tat-tagħmir ta' l-uffiċċju (COM(2006)0576),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa l-2013) ([8]) u b'mod partikolari l-Kapitlu III taħt it-Titolu II dwar l-"Enerġija Intelliġenti — Programm Ewropew",

([1]) ĠU L 297, 13.10.1992, p. 16. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 65.
([3]) ĠU L 52, 21.2.2004, p.50.
([4]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.
([5]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.
([6]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 24.
([7]) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 26.
([8]) ĠU L 310, 9.11.2006, p.15.

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti parteċipazzjoni volontarja minn organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall-immaniġġjar ta' l-ambjent u verifika (EMAS) ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar l-Effiċjenza fl-enerġija jew nagħmlu aktar b'inqas — Green Paper ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar Strateġija Ewropea għal Enerġija Sostenibbli, Kompetittiva u Sikura — Green Paper ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0003/2008),

A. billi jekk it-temperatura globali tiżdied b'2 gradi Celsius fuq il-livelli preindustrijali dan jirriżulta f'bidla kaotika fil-klima, kif huwa ċertifikat, *inter alia*, fir-rapport ta' Mejju 2007 tal-Bord Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima; billi biex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm taħt iż-2 gradi hemm bżonn ta' tnaqqis drastiku fl-emissjonijiet tal-karbonju sa l-2015; billi l-aktar mod immedjat u effettiv fir-rigward ta' l-ispiża ta' kif jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju huwa billi l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti;

B. billi l-effiċjenza fl-enerġija għandha rwol kruċjali fit-tnaqqis tad-dipendenza ta' l-Unjoni Ewropea fuq importazzjonijiet ta' l-enerġija, fit-trattament ta' l-iskarsezza fil-ġejjieni ta' sorsi ta' enerġija, u fil-limitazzjoni ta' l-effett ta' xokkijiet fil-prezzijiet ta' l-enerġija;

C. billi l-evalwazzjoni ta' l-impatt relatat mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija tirrikonoxxi nuqqas ta' kapaċitajiet ta' infurzar fil-livelli kollha ta' l-ifformolar ta' politika fi ħdan il-Kummissjoni u stmat li biex il-Pjan ta' Azzjoni jkun suċċess jinħtieġ li l-persunal jiżdiedb' 20 persuna;

D. billi d-Direttiva 2002/91/KE ġiet trasposta kif suppost biss f'ħames Stati Membri;

E. billi d-Direttiva 2006/32/KE tirrikjedi lill-Istati Membri sabiex jippreżentaw Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija (NEEAP) lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2007; billi sa l-1 ta' Settembru 2007 l-Kummissjoni kienet irċeviet biss disgħa NEEAPs, u sa l-10 ta' Jannar 2008 kienet irċeviet sbatax biss;

F. billi l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2004/8/KE qiegħda tard u altru milli perfetta;

G. billi l-Unjoni Ewropea hija wieħed mir-reġjuni l-aktar għani u l-aktar avvanzat teknoloġikament fid-dinja; billi l-Unjoni Ewropea żiedet il-ħruġ ekonomiku tagħha bi kważi 40 % u d-dħul medju per capita b'terz mill-1990; billi, fl-istess perjodu ta' żmien, id-domanda għar-riżorsi ta' enerġija u elettriku żdiedet biss bi 11 %;

H. billi t-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni — jekk jiġu mgħotija s-sinjali ta' politika ġusti — jistgħu jiġġeneraw profitti addizzjonali ta' produttività lil hinn mill-mira ta' l-UE ta' 20 %; billi ċerti teknoloġiji bħalma huma t-teknoloġija "smart grid", sistemi intelliġenti ta' ġestjoni u teknoloġiji ta' kompjuting "speckled" għandhom għalhekk ikunu s-suġġet ta' rakkomandazzjoni ta' politika effettiva;

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija 2006 msemmi hawn fuq u jfaħħar l-objettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu;

2. Jikkunsidra li mira għal titijb ta' 'l fuq minn 20 % sa l-2020 fl-effiċjenza ta' l-enerġija, flimkien ma' kwalunkwe titjib b'riżultat ta' effetti awtonomi strutturali jew ta' prezzijiet, huma kompletament teknikament u ekonomikament fattibbli, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li din il-mira, kif ukoll il-miri dwar it-tibdil fil-klima, jinkisbu;

([1]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 114, 24.4.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([3]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 273.
([4]) OJ C 317 E, 23.12.2006, p. 876.

3. Jinnota bi tħassib serju li l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' leġiżlazzjoni eżistenti dwar effiċjenza fl-eneġija mhix kompluta u għadha lura;

4. Jenfasizza l-ħtieġa ta' politika għall-effiċjenza fl-enerġija li tkun implimentata fil-livelli kollha tal-gvern;

5. Jiddispjaċih li l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE mill-Istati Membri m'hijiex kompluta u għadha lura ħafna;

6. Jiddenuċja n-nuqqas li jiġi dedikat in-numru meħtieġ ta' uffiċjali tal-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li kemm il-Pjan ta' Azzjoni u kif ukoll il-leġiżlazzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija li fuqha jibni dan il-Pjan jiġu implimentati bis-sħiħ u fil-waqt;

7. Jiddeplora l-fatt li, minn 21 azzjoni tal-Kummissjoni li fil-Pjan ta' Azzjoni kienu skedati biex jitlestew fl-2007, tlieta biss kienu ġew implimentati kompletatment sa l-1 ta' Settembru 2007, filwaqt li jinnota li, sat-30 ta' Ottubru 2007, skond il-Kummissjoni 16 minn dawk il-21 azzjoni kienu 'mexjin kif suppost'; jiddeplora l-mod serju ta' kif waqgħet lura l-iskeda għall-adozzjoni ta' standards minimi ta' rendiment ta' enerġija għall-gruppi ta' prodotti prijoritarji;

8. Jiddenunċja n-nuqqas tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri milli jagħtu prijorità lit- traspożizzjoni sħiħa u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija u lil-konformità ma' din il-leġiżlazzjoni, minkejja retorika dwar it-trattament tal-bidla fil-klima u t-tnaqqis ta' l-importazzjonijiet ta' l-enerġija min-naħa ta' l-UE;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tħaffef l-abbozzar tal-Memorandum ta' Ftehim ġejjieni dwar il-kooperazzjoni mal-Kunsill Ewropew tar-Regolaturi ta' l-Enerġija (CEER), li ser jistipula linji gwida komuni u kodiċi ta' kondotta komuni, bil-għan li jtejjeb l-effiċjenza ta' l-użu ta' l-enerġija finali fis-setturi kollha;

10. Jitlob għal evalwazzjoni urġenti u onesta, fil-Kummissjoni u f'kull Stat Membru, tan-nuqqasijiet ta' kapaċità u ostakoli oħrajn li sal-lum wasslu għall-implimentazzjoni inadegwata tal-leġiżlazzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija, u kif dawn in-nuqqasijiet u l-ostakoli jistgħu jintgħelbu;

11. Jinnota b'mod partikolari nuqqas mifrux ta' appoġġ sempliċi u immedjat ta' informazzjoni u ta'organizzazzjoni dwar effiċjenza fl-enerġija fil-punt tal-ħtieġa, li jista' jinqala' ta' malajr (eż. meta apparat domestiku jew tagħmir ieħor ikollu l-ħasra) jew ikun marbut ma' avvenimenti partikolari (eż. bidla tad-dar); jemmen li nuqqas ta' attenzjoni għall-ħtiġijiet prattiċi taċ-ċittadini qed idgħajjef ħafna mill-iskemi għall-effiċjenza ta' l-enerġija u għalhekk jisħaq dwar l-importanza ta' għajnuna prattika u ffinanzjar bil-quddiem;

12. Jenfasizza li t-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għandhom jiġu promossi bħala teknoloġiji ewlenin biex jippromwovu t-tfaddil fl-enerġija f'setturi varji bħalma huma t-trasport, il-bini, l-enerġija u l-manifattura; f'dan il-kuntest jilqa' l-istudju tal-Kummissjoni li jevalwa l-kontribut potenzjali ta' varji teknoloġiji innovattivi bbażati fuq ICTs biex titjieb l-effiċjenza ta' l-enerġija ta' l-ekonomija ta' l-UE u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra sa l-2020; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi l-irwol tas-sistemi intelliġenti ta' ġestjoni f'teknoloġiji "smart grid" u sistemi integrati b'mod partikulari f'dak l-istudju;

***Tagħmir u apparat domestiku***

13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istrateġija ta' adozzjoni ta' standards minimi u jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi u tapplika sa l-2008 standards minimi ta' rendiment għall-arja kondizzjonata u t-tipi kollha ta' settijiet tat-televiżjoni; iħeġġeġ biex dan isir flimkien ma' reviżjoni dinamika ta' ttikettar u jinnota li l-marka CE tista' tappoġġja l-infurzar ta' standards minimi ta' rendiment ta' l-enerġija; jistieden lill-Istati Membri sabiex jiddedikaw aktar riżorsi għas-sorveljanza tas-suq;

14. Japprova ż-żieda ta' dwal domestiċi mal-lista ta' gruppi ta' prodotti prijoritarji u jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni żżomm ma' l-skeda proposta għall-irtirar ta' l-aktar bozoz ineffiċjenti mis-suq, b'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007;

15. Jinnota l-progress reċenti tat-teknoloġija tal-bozoz LED; jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora mezzi kif tavvanza r-riċerka fil-bozoz LED u kif jista' jiżdied l-użu tagħhom;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi skedi għall-irtirar mis-suq ta' l-oġġetti tat-tagħmir u l-prodotti l-oħrajn kollha li jużaw l-enerġija li huma lanqas effiċjenti fl-enerġija, bħalma huma l-heaters ta' barra (patio heaters);

17. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi fuq it-tnaqqis mit-telf minħabba l- istand-by *u fuq it-tixrid ta' prodotti u teknoloġiji li jiżguraw li prodotti u tagħmir li jużaw l-enerġija jużaw enerġija biss meta jkun hemm il-bżonn*; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rekwiżit ta' rendiment ta' 'watt wieħed' waqt stand by u analiżi ta' l-iffrankar potenzjali ta' enerġija li jista' jirriżulta kemm mill-minimizzazzjoni u kemm mit-tneħħija tal-konsum ta' l-istand by mode li ma jkunx meħtieġ, partikularment l-istand by passiv;

18. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar ta' Ftehim Energy Star ġdida ma' l-Istati Uniti li tistabbilixxi standards komuni dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija għat-tagħmir għall-uffiċċji, u b'mod partikulari l-inklużjoni fir-regolament ta' implimentazzjoni ta' dispożizzjoni vinkolanti fir-rigward ta' appalt pubbliku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tmexxi 'l quddiem in-negozjati dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni Energy Star bejn l-UE u l-Istati Uniti għal prodotti oħrajn, b'konformità ma' l-impenn li sar fil-laqgħa għolja tat-30 ta' April 2007 bejn l-UE u l-Istati Uniti;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li sa l-2010 jiġu stabbiliti standards minimi ta' rendiment għall-apparat domestiku u t-tagħmir l-ieħor li juża l-enerġija b'mod sinifikanti; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibda' bl-anqas prodotti li huma effiċjenti fl-enerġija fuq is-suq;

20. Jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tifformula kriterji għall-eko-tikkettar ta' teknoloġiji ta' tisħin u tkessiħ, li jkopru b'mod parikulari l-użu ta' enerġija primarja, bil-ħsieb li jkun żgurat li l-utenti huma garantiti informazzjoni ta' min joqgħod fuqha dwar l-għażliet l-aktar effettivi u tajbin għall-ambjent li huma disponibbli fuq is-suq għal tagħmir għat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini;

21. Iħeġġeġ implimentazzjoni rigoruża tar-rekwiżiti 2006 dwar l-istallazzjoni ta' meters intelliġenti sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumatur dwar l-użu ta' l-elettriku u biex jgħin fit-titjib tar-rekwiżiti dwar l-istatistiċi dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija;

22. Jitlob li jkun hemm formulazzjoni ta' standard għall-meters intelliġenti ta' tisħin biex jintużaw f'sistemi ta' tisħin ċentrali u networks ta' tisħin remot bil-ħsieb li jħeġġeġ l-utenti aħħarija biex jaġixxu b'mod aktar responabbli ('ħallas għal dak li tuża') u biex jiġu eliminati s-sistemi ta' rata fissa, li għandhom l-effett oppost;

23. Huwa tal-fehma li t-teknoloġiji industrijali għandhom jiżguraw li tintuża anqas enerġija fil-proċessi ta' produzzjoni; jemmen li jista' jkun hemm tfaddil konsiderevoli ta' enerġija jekk jitnaqqas il-piż tal-vetturi tat-triq u tal-mezzi oħra tat-trasport.

***Rekwiżiti għar-rendiment tal-bini***

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħaġġel il-proċeduri ta' infrazzjoni kontra dawk l-Istati Membri li ma għamlux traspożizzjoni tajba jew ma implimentawx bis-sħiħ id-Direttiva 2002/91/KE;

25. Minħabba li l-bini iservi fit-tul, jinnota l-importanza kbira li jiġi żgurat li bini ġdid jinbena skond l-aqwa standards possibbli ta' effiċjenza fl-enerġija u li bini eżistenti jiġi rranġat skond standards kontemporanji; jikkunsidra li d-demolizzjoni ta' bini li m'hux effiċjenti fl-enerġija, flimkien mal-kostruzzjoni ta' bini ġdid li huwa effiċjenti fl-enerġija, ġieli jtkun tista' tiġi appoġġjata bħala alternattiva għar-restawrar;

26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi d-Direttiva 2002/91/KE sabiex mill-2009 tinkludi fl-ambitu ta'l-Artikolu 6 il-bini kollu li jinħtieġ tisħin u tkessiħ, mingħajr ma jiġi meħud kont ta d-daqs;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex fir-reviżjoni tagħha tal-prestazzjoni ta' bojlers tikkunsidra l-fatt li bojlers ta' koġenerazzjoni (mikro-kombinazzjoni ta' tisħin u elettriku) huma ħafna u ħafna aktar effiċjenti, u biex b'mod adegwat tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni għall-bojlers;

28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li għandhom jiġu stipulati rekwiżiti minimi ta' rendiment għal bini ġdid u rinnovat u għal komponenti tal-bini bħal m'huma t-twieqi u pellikola tat-twieqi;

29. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi rekwiżit vinkolanti sabiex mill-2011 'l quddiem il-bini l-ġdid kollu li jeħtieġ tisħin u/jew tkessiħ jinbena skond standards ta' dar passiva jew standards mhux residenzjali ekwivalenti, u rekwiżit sabiex jiġu użati soluzzjonijiet passivi ta' tisħin u tkessiħ mill-2008;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-introduzzjoni gradwali ta' grids distrettwali għat-tisħin u t-tkessiħ għall-bini kollu sabiex jitnaqqas l-użu ta' fjuwil fossili fit-tisħin u t-tkessiħ billi jiġu utilizzati t-telfiet li jinġarrbu fit-trasformazzjoni ta' l-enerġija;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra soluzzjonijiet ta' arkitettura għat-tisħin u tkessiħ passiv, bħalma huma strutturi ta' kostruzzjoni bi proprjetajiet termali, meta jiġu kunsidrati t-tassazzjoni u miżuri oħra għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu tkessiħ distrettwali minn sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija bħala alternattiva effiċjenti biex tintlaħaq id-domanda li dejjem qed tikber għat-tkessiħ għall-konfort;

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq database trasparenti, aċċessibbli għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni, ta' miżuri nazzjonali, reġjonali u lokali li jippromwovu l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-bini, b'mod partikulari miżuri ta' finanzjament, fl-interessi ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattiki fl-UE u ta' informazzjoni u kuxjenza pubblika;

***Ġenerazzjoni u distribuzzjoni ta' l-elettriku***

34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex fil-pjanijiet NEEAPs tagħhom iżidu l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, u jimxu lejn ippjanar olistiku ta' forniment ta' elettriku, tisħin u tkessiħ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tqis NEEAPs li jonqsu milli jagħmlu dan b'mod sfavorevoli; b'mod ġenerali jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jippromwovu miżuri li jħeġġu l-użu ta' koġenerazzjoni mikro u dik fuq skala żgħira u biex ineħħu l-ostakoliu għal dawn;

35. Jirrimarka li t-trasport u d-distribuzzjoni huma fost is-sorsi ta' telf ta' enerġija u l-kawża ta' qtugħ ta' elettriku u jisħaq dwar l-irwol li l-mikroġenerazzjoni u l-ġenerazzjoni deċentralizzata u diversifikata jista' jkollhom biex jiggarantixxu provvista sigura u tnaqqis tat-telf; jikkunsidra li l-inċentivi għandhom ikunu mmirati lejn titjib fl-infrastruttura bil-għan li jnaqqsu t-telf fit-trażmissjoni u fid-distribuzzjoni;

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti aktar attenzjoni lis-suq tat-tisħin, peress li s-sħana tirrappreżenta l-akbar sehem ta' konsum ta' l-enerġija, u għal strumenti (pjanar urban, evalwazzjoni ta' tisħin, inċentivi ta' investiment) li jippermettu l-irkupru ta' sħana minn sorsi rinnovabbli żejda permezz ta' l-iżvilupp ta' infrastrutturi distrettwali ta' tisħin u tkessiħ;

37. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmoniterja mill-viċin l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/8/KE u biex tevalwa jekk l-iskemi ta' appoġġ humiex adegwati biex jisfruttaw il-potenzjal nazzjonali għall-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

38. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa ta' networks lokali għat-tkessiħ biex jiġu introdotti bħala rispons effettiv alternattiv għad-domanda li dejjem qed tikber għat-tkessiħ ta' konfort, u ukoll għall-bżonn ta' tnaqqis drastiku f'emissjonijiet tas-$CO_2$ relatati;

39. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex testendi l-ambitu ta' l-inċentivi finanzjarji attwali għal żviluppi li jippermettu l-enerġija magħmula minn sorsi rinnovabbli li tintuża f'networks eżistenti li jiffunzjonaw permezz ta' enerġija ġejja minn fjuwil fossili; jikkunsidra li t-titjib ta' networks eżistenti jista' jżid sew l-effiċjenza tal-produzzjoni ta' l-enerġija minn sorsi rinovabbli fi żmien eqser u għal inqas spejjeż, fl-istess ħin jgħin biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista bħala riżultat ta' titjib f'waqtu;

***It-trasport***

40. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistipola rekwiżiti minimi għar-rendiment ta' l-enerġija għall-modi kollha ta' transport, inkluż dak pubbliku; jenfasizza l-ħtieġa għal politika tat-trasport b'użu effiċjenti ta' l-enerġija li tagħti preferenza lit-trasport pubbliku, l-użu tar-roti, u l-mixi f'zoni urbani; jilqa' l-Green Paper dwar it-Trasport Urban u jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi inizjattiva li tikkonċerna b'mod speċifiku t-trasport urban u l-kwistjoni ta' l-integrazzjoni tal-protezzjoni tal-klima, it-tfaddil ta' l-enerġija u s-saħħa pubblika f'politika sostenibbli ta' mobilità għall-ibliet; jinkuraġġixxi lill-ibliet ta' l-UE biex jikkunsidraw miżuri li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-karozzi u mit-traffiku tal-karozzi tal-passiġġieri, pereżempju, permezz ta' tariffi fuq il-konġestjoni; ifakkar li limiti vinkolanti fuq l-emissjonijiet annwali mill-karozzi fir-rigward tal-karozzi l-ġodda tal-passiġġieri li jinbiegħu jikkontribbwixxu biex l-UE tilħaq il-miri vinkolanti tas-$CO_2$;

41. Jitlob għall-emenda tad-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' informazzjoni għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-fjuwil u emissjonijiet tas-$CO_2$ fir-rigward ta' l-ikkumerċjalizzar ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda sabiex tagħmilha possibbli li l-karozzi jiġu ttikkettati b'mod ċar b'diversi klassijiet bħal dak li li jintuża għall-ittikettar ta' l-apparat domestiku (bħalissa l-iskala ta' seba' klassijiet, minn A sa G) ([1]); jipproponi li minimu ta' 20 % ta' kull spazju dovut għar-riklami u l-ikkumerċjalizzar ta' karozzi ġodda jipprovdi informazzjoni dwar l-effiċjenza tal-fjuwil u l-emissjonijiet;

42. Jiddispjaċih ukoll li l-proposta għal direttiva dwar it-tassazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri, li għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ b'konformità ma' l-impenji ta' l-UE skond il-Protokoll ta' Kyoto, għadha ma ġietx adottata mill-Kunsill, u jħeġġeġ sabiex tiġi implimentata malajr kemm jista' jkun;

43. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal strateġija ta' qafas li tiffaċilita titjib sostanzjali għall-effiċjenza tat-trasport pubbliku urban u sub-urban, li tkun tirrikjedi li operaturi ta' sistemi tat-trasport pubbliku urban u suburban jikkonduċu studji, l u studji ta' fattibilità, iffukar fuq livelli ta' effiċjenza u servizz relatati massistema, u liema strateġija hija mmirata biex taġġusta t-twaqqif ta' skemi ta' appoġġ orizzontali li l-għan tagħhom huwa li jiżviluppaw sistemi ta' trasport b'mod li dawn is-sistemi jkunu konformi ma' kundizzjonijiet aktar stretti fir-rigward ta' effiċjenza u konsistenza;

44. Jilqa' l-proposta Impriża Konġunta għal Sema Nadif, li l-għan tagħha huwa li jiġu prodotti ajruplani li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, u li huma ambjentalment sostenibbli, u effiċjenti fl-enerġija;

***Arranġamenti finanzjarji u politika reġjonali***

45. Jinnota l-importanza ta' l-aċċess għall-fondi strutturali għall-iffinanzjar ta' l-effiċjenza fl-enerġija, permezz ta' entitajiet bħall-Bank Ewropew għall-Investiment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u wkoll permezz ta' skemi privati ta' servizzi bankarji;

46. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid il-proporzjon ta' ffinanzjar strutturali u ta' koeżjoni li jista' jintnefaq fuq it-titjib ta' l-effiċjenza fl-enerġija ta' djar eżistenti minn minimu ta' 3 % għal 5 %, u sabiex titlob lill-Istati Membri sabiex jieħdu vantaġġ sħiħ minn din l-opportunità;

47. Jesprimi dispjaċir għall-kumplessità ta' ħafna mill-iffinanżjar ta' l-UE għall-effiċjenza ta' l-enerġija, minkejja l-eżistenza ta' l-Inizjattiva Konġunta għar-Riżorsi Ewropej għall-Intrapriżi Mikro u Medji (JEREMIE); jinnota li n-nuqqas ta' ffinanzjar sempliċi u aċċessibbli jikkostitwixxi ostakolu kbir għall-intrapriżi ż-żgħar u mikro b'mod partikolari, li m'għandhomx il-kapaċità meħtieġa sabiex jaċċessaw programmi kumplessi;

48. Jinnota l-importanza vitali tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qasam ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija; iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali, lill-awtoritajiet lokali u lill-NGOs sabiex jieħdu vantaġġ mill-finanzjament disponibbli taħt is-Seba' Programm ta' Qafas, il-Fondi Strutturali, il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, l-Enerġija Intelliġenti — Programm Ewropew, li huma maħsuba biex tiġi stimulata r-riċerka fl-effiċjenza ta' l-enerġija u jiġu promossi teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli, u l-iżvilupp ta' mezzi ġodda għat-trasport u t-taħżin ta' enerġija mfassla biex jitnaqqas it-telf ta' l-enerġija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrispondi b'mod ġeneruż għas-sejħiet biex tiġi finanzjata r-riċerka dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-effiċjenza ta' l-enerġija titqiegħed fuq quddiem sew fl-isforzi kontinwi li għandhom isiru biex il-programmi ta' l-UE għar-riċerka u għall-iżvilupp tat-teknoloġiji jintużaw kemm jista' jkun;

([1]) ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.

49. Jitlob sabiex il-mikro-intrapriżi jiġu trattati bħal abitazzjonijiet domestiċi u jiġu offruti ffinanzjar sempliċi għat-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija, bħal għotjiet bil-quddiem;

50. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja r-regoli ta' għajnuna statali li huma aktar favorevoli għal miżuri ta' effiċjenza ta' l-enerġija (bħalma huma l-eko-innovazzjoni u t-titjib fil-produttività); jemmen li dawn ir-regoli għandhom ikunu sempliċi, prattiċi u trasparenti, li jneħħu l-ostakoli għall-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' effiċjenza ta' l-enerġija;

51. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala kwistjoni ta' urġenza kbira, sabiex tippreżenta proposti għal miżuri speċifiċi bl-għan li tinkiseb aktar effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fl-aktar reġjuni mbegħda, immirati lejn il-karatteristiċi partikulari tagħhom li jirriżultaw mill-effetti tal-limitazzjonijiet permanenti li huma suġġetti għalihom dawk ir-reġjuni;

52. Jenfasizza l-irwol ta' aġenziji ta' l-enerġija lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri ta' enerġija effiċjenti; jitlob sabiex ikunu involuti l-aġenziji kollha (dawk Ewropej, nazzjonali u lokali) fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-effiċjenza ta' l-enerġija;

### *Tassazzjoni*

53. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex japplikaw rata mnaqqsa tat-taxxa b'valur miżjud fuq xogħol, materjali u komponenti li jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-bini; jistieden lill-Kunsill biex jiżguraw li s-sistema ġenerali tat-taxxa tirrifletti, b'mod koerenti, l-għan li titjieb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-bini;

54. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-possibilità ta' rata mnaqqsa tal-VAT fuq ix-xogħol ta' rinnovazzjoni u ta' tiswija fid-djar privati sabiex titjieb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija; jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni sabiex tevalwa l-effettività tal-krediti ta' taxxa kemm għall-konsumaturi li jixtru l-aktar apparat domestiku li huwa effiċjenti fl-enerġija u għall-intrapriżi li jipproduċu u jippromwovu tagħmir bħal dan;

55. Jinnota li t-taxxa hija parti mill-kompetenza ta' l-Istati Membri; jinnota li miżuri ta' taxxa magħżula mill-Istati Membri tista' tkun element tan-NEEAPs kollha; jappoġġja l-internalizzazzjoni ta' infiq ambjentali;

56. Jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jintroduċu inċentivi ta' taxxa speċifikament sabiex iħeġġu lill-familji, lill-mikro-intrapriżi u lis-sidien privati tal-proprjetà sabiex jieħdu miżuri li huma favur l-effiċjenza fl-enerġija u jixtru prodotti li huma effiċjenti fl-enerġija;

57. Jikkunsidra li l-inċentivi tat-taxxi jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, jkunu disponibbli għad-demolizzjoni ta' bini li mhumiex effiċjenti fl-enerġija, meta dawn jiġu flimkien mal-kostruzzjoni ta' bini ġdid li huwa effiċjenti fl-enerġija;

### *Tibdil fl-imġieba*

58. Jenfasizza l-irwol kbir li għandu jkollu s-settur pubbliku fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet li huma effiċjenti fl-enerġija;

59. Jaqbel li l-programmi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija għandhom rwol importanti, b'mod partikulari għall-SMEs; jinnota li l-edukazzjoni dwar l-enerġija għandha tibda minn età bikrija bl-inklużjoni ta' korsijiet relatati fi ħdan il-programmi edukattivi ta' l-iskejjel madwar l-UE; jinnota li l-implimentazzjoni ta' tekniki innovattivi għall-kostruzzjoni u l-immaniġġjar ta' l-enerġija ser jirrikjedu ammont kbir ta' ħaddiema tas-sengħa mħarrġa kif suppost; jinsab imħasseb li l-Istati Membri għadhom ma pproduċewx programmi ta' taħriġ xierqa għal ħiliet relatati ma' l-effiċjenza fl-enerġija; jitlob sabiex ir-rekwiżiti ta' riżorsi umani jitqiesu bħala element essenzjali fl-NEEAPs;

60. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżviluppaw sħubiji mill-qrib ma' l-aġenziji ta' l-enerġija reġjonali sabiex jitjiebu l-faċilitajiet ta' taħriġ għat-tekniċi ta' l-enerġija u għall-professjonisti li jaħdmu f'setturi relatati; jenfasizza l-bżonn għal aktar networks ikkordinati ta' parteċipanti lokali sabiex tinfirex l-aħjar prassi rigward l-enerġija effiċjenti f'reġjuni anqas żviluppati;

61. Jenfasizza l-irwol ta' l-akkwist pubbliku u tas-servizzi, bħalma huma l-verifiki ta' enerġija, jista' jkollhom biex tonqos il-ħela u jiġi mħeġġeġ l-użu aħjar tal-potenzjal ta' l-enerġija ta' kull bini; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali, lokali u pubbliċi tagħhom biex jagħtu l-ewwel eżempju, mhux biss fil-bini amministrattiv imma wkoll fil-bini pubbliku l-ieħor bħal skejjel, universitajiet u sptarijiet u f'entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tal-posta;

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

62. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid ir-riċerka fl-ekonomiji ta' mġieba u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-bdniedem sabiex jiġu mfassla kampanji ta' informazzjoni futuri dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija (bħalma hija l-Kampanja Ewropea għall-Enerġija Sostenibbli) u b'hekk jiġu massimizzati l-benefiċċji tagħhom;

63. Jaqbel li l-effiċjenza fl-enerġija tibda d-dar; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex ikunu minn ta' quddiem billi jirrikjedu li jiġu stipulati standards eżemplari ta' rendiment fl-enerġija fil-bini kollu ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, bħala parti minn verifika usa ta' l-użu ta' l-enerġija mill-istituzzjonijiet li għandha tinkludi arranġamenti ta' xogħol u vjaġġar, inċentivi u lokazzjonijiet, kif ukoll tagħmir u appalt;

64. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw — fuq bażi annwali — Ġurnata t'Azzjoni Ewropea dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;

65. Jinnota li s-settur tat-teknoloġija għolja jista' jkollu rwol kruċjali biex iqajjem il-kuxjenza tal-konsumatur u u biex iżid il-volontà tal-konsumaturi biex jikkontribwixxu għall-effiċjenza ta' l-enerġija billi joffri prodotti li huma kemm effiċjenti fl-enerġija kif ukoll ta' standard ogħla;

66. Jikkunsidra li l-kuntratti tas-servizzi ta' l-enerġija bejn il-fornituri u l-konsumaturi ta' l-enerġija huma mezz effettiv biex tikber l-effiċjenza tas-sistemi ta' tisħin u tkessiħ; jistieden lill-Kummissjoni biex tneħħi l-ostakoli amministrattivi u legali għall-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti;

***Bliet***

67. Jirrikonoxxi l-importanza ta' l-iskambjar u l-promozzjoni ta' l-aħjar prattika urbana dwar l-effiċjenza fl-enerġija; jissuġġerixxi li l-forum Eurocities eżistenti jista' jkun mezz effettiv sabiex dan isir;

68. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE biex jaħdmu flimkien ma' l-ibliet il-kbar fl-UE, filwaqt li jiffavorixxu baġits għall-ġemellaġġ u l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-ibliet il-kbar;

69. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Patt tas-Sindki, li tlaqqa' flimkien f'network permanenti lis-Sindki ta' bejn 20 u 30 mill-bliet li huma l-akbar u l-aktar pijunieri fl-Ewropa, u jitlob għal aktar dettalji rigward it-twaqqif tagħha; jenfasizza, madankollu, li l-Patt tas-Sindki jrid jikkumplimenta l-attivitajiet ta' networks simili li diġà jeżistu;

***Id-dimensjoni globali***

70. Jappoġġja lill-Kummissjoni fil-proposta tagħha li twaqqaf Pjattaforma għall-Koperazzjoni Internazzjonali fl-Effiċjenza ta' l-Enerġija; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex ikabbru l-koperazzjoni internazzjonali fil-qasam ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija sabiex ikun żgurat li r-regolamenti u l-istandards il-ġodda ma jifframmentawx is-suq globali; jitlob sabiex dan il-ftehim internazzjonali — bilaterali u multilaterali — jinkludi mhux biss kondiviżjoni ta' impenn għal standards minimi ta' rendiment fl-effiċjenza ta' l-enerġija iżda wkoll kondiviżjoni ta' teknoloġija favur l-effiċjenza fl-enerġija; jinnota l-importanza fundamentali strateġika tat-tixrid tat-teknoloġija, li tirrikjedi approċċ ta' interess pubbliku lejn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

71. Jirrikonoxxi x-xogħol li għaddej fuq livell tekniku dwar standards ta' effiċjenza fl-enerġija kondiviżi, partikolarment maċ-Ċina; jinsab imħasseb li dan ix-xogħol qed jiddgħajjef minn nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, li qed iwassal għal konfużjoni f'pajjiżi terzi; jitlob għal approċċ integrat fir-rigward ta' l-istandards;

72. Jinnota t-tħassib mifrux li r-Russja mhux ser tkun tista' tissodisfa t-talbiet domestiċi u kuntrattwali tal-gass tagħha u jħeġġeġ lill-Kummissjoni fl-interess tas-sigurtà ta' l-enerġija sabiex tikkometti aktar riżorsi għad-djalogu dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija bejn ir-Russja u l-UE, b'attenzjoni partikolari lejn it-titjib tan-networks tat-tisħin distrettwali Russi u l-użu tal-gass li bħalissa jinħaraq fuq il-bjar taż-żejt;

73. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Shubija dwar l-Enerġija bejn l-Afrika u l-UE, u jitlob sabiex din is-sħubija tpoġġi t-tkabbir effiċjenti fl-enerġija u sostenibbli fl-Afrika bħala prijorità;

*

*   *

74. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-parlamenti u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

## Politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew

P6_TA(2008)0034

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew (2007/2112(INI))**

(2009/C 68 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitulata "Politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew" (COM(2007)0136),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-esplojtazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), b'mod partikulari l-Artikolu 2 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Pjan ta' Azzjoni Komunitarju biex jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut (COM(2002)0656), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar dan tad-19 ta' Ġunju 2003 ([2]),

— wara li kkunsiddra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar metodi ta' sajd li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' l-1995 għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Marittima ta' l-10 ta' Diċembru 1982 rigward il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkiijiet transżonali tal-ħut u ta' stokkijiet ta' ħut migratorju ħafna,

— wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika Ambjentali tal-Baħar (Direttiva dwar Strateġija tal-Baħar) (COM(2005)0505) u *l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew dwar din ta' l-14 ta' Novembru 2006* ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0495/2007),

A. billi r-rimi lura ta' ħut huwa problema mad-dinja kollha li ġiet ikkalkulata li hi ta' bejn 7 u 27 miljun tunnellata kull sena, ekwivalenti għal kwart tal-ħut kollu u speċijiet oħra maqbuda, u billi m'hemm l-ebda kalkolu disponibbli għall-UE sħiħa, għalkemm l-FAO tikkalkula li r-rimi lura ta' ħut fil-Baħar tat-Tramuntana huwa bejn 500,000 — 880,000 tunnellata,

B. billi rimi lura daqshekk estensiv huwa ta' dannu għall-ambjent, itellef l-irkupru ta' stokkijiet li naqsu, u dan huwa spiża f'termini ta' ħin u enerġija għall-industrija tas-sajd,

C. billi l-Kummissarju Borg iddiskriva din il-kwantità ta' rimi bħala "immorali",

D. billi l-involviment tal-partijiet kollha interessati tal-politika tas-sajd, b'mod partikulari mill-industrija tas-sajd, huwa kundizzjoni essenzjali għad-definizzjoni ta' miżuri li jistgħu jagħtu kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar,

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU C 69E, 19.3.2004, p. 149.
([3]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 319.
([4]) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 86.

E. billi r-rimi lura huwa fenomenu li mhuwiex relatat biss ma' l-użu ta' tip partikulari ta' tagħmir wieħed, li jseħħ b'bosta tipi ta' tagħmir, għalkemm ċerti tipi ta' tagħmir, bħalma huwa dak tas-sajd bit-tartarun, għandhom tendenza li jirriżultaw fi kwantitajiet akbar ta' rimi minn oħrajn, iżda huwa influwenzat ukoll min-natura ta' l-industrija tas-sajd konċernata, kif huwa l-każ fl-industriji tas-sajd Ewropej, li kważi kollha huma ta' natura multi-speċi, fejn ir-riskju ta' rimi huwa ogħla; billi ċerti industriji artiġġanali tas-sajd għandhom rati ta' rimi aktar baxxi peress li jagħmlu użu akbar mill-ħut maqbud u jużaw l-għarfien tagħhom tat-territorji tas-sajd sabiex jevitaw il-qbid inċidentali,

F. billi l-industriji tas-sajd b'rati għolja ta' rimi lura jistgħu jirriżultaw fi tħassib pubbliku dwar l-impatt ambjentali tas-sajd li jista' jikkawża tnaqqis fil-fiduċja pubblika fil-ħut fuq is-suq, u dan, fl-aħħar minn l-aħħar, jaffettwa l-bejgħ,

G. billi r-rimi lura ġej minn medda ta' fatturi, inklużi sforzi eċċessivi ta' sajd, l-approċċ attwali lejn TACs (il-Qabdiet Totali Permissibbli) u kwoti li jirrikjedi r-rimi lura ta' ħut li għalihom m'hemmx kwota, nuqqas ta' qbil f'ħafna industriji ta' sajd bejn speċifikazzjonijiet ta' tagħmir u d-daqs minimu tal-ħut li jitniżżel l-art (Minimum Landing Size — MLS) "high-grading" (fejn il-ħut jintrema lura u b'hekk jittella' kemm jista' jkun il-valur tal-qabdiet li jinħattu l-art) u prattiki kummerċjali oħra; billi tradizzjonalment, l-innovazzjoni fit-tagħmir u l-prattiki tas-sajd timmira l-aktar lejn żieda fil-qbid tal-ħut aktar milli lejn sajd aktar selettiv u bl-anqas mod distruttiv għall-ambjent,

H. billi mid-dokumenti ffirmati fuq livell internazzjonali u li fihom dikjarazzjonijiet speċifiċi dwar il-ħtieġa li jitnaqqas ir-rimi u l-qbid inċidentali, l-UE ftehmet fuq il-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-FAO rigward Sajd Responsabbli, il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO dabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali ta' tajr tal-baħar minn sajd longline, il-Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali tal-FAO għall-konservazzjoni u l-immaniġġar ta' klieb il-baħar, Kapitlu 17 ta' l-Aġenda 21 tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsens ta' Ruma dwar is-Sajd Dinji, id-Dikjarazzjoni ta' Kyoto dwar il-kontribut sostenibbli tas-sajd għas-sikurezza ta' l-ikel, il-Ftehima ta' New York dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u r-riżoluzzjonijiet ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 49/118 ta' l-1994 u 50/25 ta' l-1995, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-95 Konferenza Interparlamentari li saret f'Istanbul, it-Turkija, mill-15 sa l-20 ta' April 1996, tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fi Speċijiet fil-Periklu ta' Fawna u Flora Selvaġġi (CITES) u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD),

I. billi l-UE qablet dwar medda ta' impenji fi ħdan il-qafas ta' l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tas-Sajd u d-diversi ftehimiet bilaterali u multilaterali li tagħmel parti minnhom,

1. Jilqa' t-tentattiv il-ġdid tal-Kummissjoni biex tistimula diskussjoni dwar dan is-suġġett serju bil-ħsieb li fl-aħħar ikun hemm ċaqliq ta' enfasi tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (CFP) sabiex il-prattika ta' rimi lura ta' ħut tiġi mnaqqsa b'mod sinifikanti jew anki, f'ċertu każijiet, tiġi fl-aħħar mill-aħħar eliminata;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni bħala l-ewwel tentattiv biex tasal għall-qalba tal-problema tal-qbid inċidentali mhux mixtieq (qbid sekondarju) tal-ħut, però jenfasizza l-urġenza għall-iżvilupp ta' regolamenti biex jeliminaw din il-prattika li mhix ambjentalment sostenibbli, li hi immorali, u li f'każijiet estremi tista' tammonta għal 90 % tal-ħut kollu li jkun inqabad;

3. Ifakkar li l-impatt tas-sajd fuq skala żgħira fuq il-parti mill-qabda li tintrema lura huwa minimu u b'konsegwenza ta' dan jitlob li jkun hemm tisħiħ ta' l-għajnuna Komunitarja biex jitħeġġu u jiġu żviluppati s-sajd kostali u artiġjanali fuq skala żgħira;

4. Jilqa' wkoll id-definizzjoni l-ġdida ta' rimi lura ta' ħut sabiex tinkludi speċijiet ta' ħut mhux kummerċjali u speċijiet oħra, bl-implikazzjoni li dawn it-tipi l-oħra ta' rimi lura wkoll iridu jiġu mnaqqsa;

5. Jenfasizza li l-politika ta' l-UE għandha bżonn tittratta b'mod effettiv it-tipi differenti kollha ta' qabdiet sekondarji (inklużi, imma mhux esklużivament, il-qabdiet ta' l-invertebrati, tal-qroll, tal-mammiferi tal-baħar, ta' l-għasafar u tal-fkieren tal-baħar) u għandha tippromwovi metodi ta' qbid li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, li ma jikkompromettux il-bijodiversità tal-baħar u li ma jikkawżawx ferimenti bla bżonn lil ħlejjaq oħra;

6. Madankollu jinnota b'ċertu tħassib li għadu sar ftit progress fl-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Komunitarji għal Tjur tal-Baħar u Klieb il-Baħar, minkejja li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tagħmel dan fl-1999, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tlesti ż-żewġ pjanijiet kemm jista' jkun malajr;

7. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-opinoni xjentifika disponibbli dwar l-albatru, li, b'mod partikolari fis-sajd bil-konzijiet, fil-preżent qed jinqerdu b'rata tant qawwija li qegħdin fir-riskju ta' estinzjoni;

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

8. Jikkunsidra li azzjoni effettiva biex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u r-rimi lura ta' ħut hija li jkun hemm tnaqqis fl-isforz ġenerali lejn is-sajd, peress li l-istokkijiet imnaqqsa jikkonsistu l-aktar minn ħut żgħir wisq, flimkien ma' titjib f'miżuri ta' selezzjoni, jagħraf li t-tnaqqis fl-ammont ta' sajd jipprovdi benefiċċji sinifikanti għall-industrija billi jippermetti l-irkupru ta' stokkijiet imnaqqsa u dawn isiru aktar produttivi, kif ukoll ikun hemm nuqqas ta' ħin u sforzi biex il-ħut maqbud jiġu magħżul;

9. Jikkunsidra li l-qbid inċidentali u r-rimi huma problema ekoloġika u ekonomika serja, peress li minn naħa, huma responsabbli għall-iżbilanċ li qed jidher f'ċerti ekosistemi, u minn oħra dawn ġew identifikati bħala l-kawża prinċipali għat-tnaqqis fl-istokkijiet, xi whud minnhom għandhom valur kummerċjali għoli, bħalma huwa l-merluzz;

10. Jikkunsidra li t-tnaqqis fir-rimi lura se jgħin biex jinkiseb status ambjentali tajjeb, kif mitlub mid-Direttiva ta' l-Istrateġija tal-Baħar;

11. Jikkunsidra li programmi li jnaqqsu r-rimi għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fil-politika ġenerali tal-Komunità għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd;

12. Jikkunsidra li l-kawżiet tar-rimi lura ta' ħut ivarjaw minn industrija ta' sajd għall-oħra, u dan jiddependi kemm fuq it-tekniki dettaljati ta' sajd kif ukoll fuq it-tip ta' industrija tas-sajd konċernata, u għalhekk is-soluzzjonijiet se jkunu wkoll speċifiċi għall-industrija tas-sajd;

13. Jirrikonoxxi l-fatt li, għalkemm ir-rimi lura ta' ħut, bħala prattika ġenerali, m'huwiex ġustifikat, xi speċijiet huma magħrufa li għandhom rata għolja ta' sopravivenza meta dawn jinħelsu u li għandhom jiġu awtorizzati derogi għall-projbizzjoni uffiċjali tas-sajd għal dawn l-ispeċijiet kif ukoll għall-ispeċijiet li jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni jew li huma protetti, dejjem jekk tingħata ġustifikazzjoni xjentifika adegwata tal-potenzjal tas-sopravivenza tagħhom;

14. Jenfasizza li l-effikaċja tar-regolament il-ġdid tiddependi mill-użu xieraq tar-riżultati ta' studji xjentifiċi taz-zoni ta' qbid fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll mir-rispett tal-karatteristiċi speċifiċi ta' l-ibħra partikulari, li jikkonsistu kemm fil-lokazzjoni u l-varjetà ta' speċi ta' l-organiżmi tal-baħar u kif ukoll fil-prattiki ta' qbid li ilhom stabbiliti s-snin;

15. Jikkongratula lil dawk fl-industrija li riċentament bdew programmi biex jiżviluppaw tagħmir u prattiki tas-sajd aktar sellettivi immirati li jnaqqsu r-rimi lura ta' ħut u li jinkoraġġixxu lill-oħrajn biex jikkontribwixxu għal dan il-proċess billi jużaw l-għarfien speċjalizzat tagħhom, li m'hemmx dubju dwaru, f'tagħmir tas-sajd biex isibu aktar tekniki innovattivi; jiddeplora l-attitudni ta' ċerti stqarrijiet lill-Kummissjoni li jemmnu li miżuri li jnaqqsu r-rimi lura ta' ħut huma "inkonvenjenti";

16. Jinsisti fuq l-importanza li għandu t-tnaqqis volontarju ta' l-isforz ta' sajd li saru minn ċerti kumpaniji tas-sajd u jitlob li jiġu stabbiliti l-mekkaniżmi biex dawk il-kumpaniji tas-sajd li jieħdu miżuri ta' dan it-tip jingħataw kumpens finanzjarju;

17. Jilqa' l-introduzzjoni li saret dan l-aħħar mill-Gvern Skoċċiż, b'koperazzjoni ma' l-industrija tas-sajd Skoċċiża, ta' sistema volontarja ta' għeluq taz-zoni tas-sajd f'ħin reali fejn zoni tas-sajd ikunu magħluqa għall-perjodu ta' tliet ġimgħat fil-każ fejn kaptani jidentifikaw abbundanza għolja ta' merluzz iżgħar milli suppost; jemmen li skemi bħal din, li huma minn ta' l-ewwel ta' dan it-tip fl-Ewropa, għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fir-rimi filwaqt li jkunu qed jaħdmu bil-koperazzjoni sħiħa ta' l-industrija tas-sajd;

18. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-approċċ klassiku tas-CFP biex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq kif ukoll ir-rimi lura, permezz ta' qbil fil-Kunsill biex ikun hemm miżuri dejjem aktar teknikament dettaljati li jipprevjenu rimi lura ta' ħut mhux matur b'involviment limitat ta' sajjieda, għandu l-limitazzjonijiet tiegħu u għandu jiġi komplimentat minn programmi li jipprovdu inċentiv għas-sajjieda biex inaqqsu il-qbid inċidentali u r-rimi lura ta' ħut filwaqt li jiġu meqjusa karatteristiċi speċifiċi għal kull industrija, u dan iwassal biex is-sajjieda jaċċettaw aħjar il-miżuri; madankollu jikkunsidra li t-tnaqqis fil-qbid inċidentali mhux mixtieq jista' jseħħ biss permezz ta' modifiki tekniċi fit-tagħmir u l-prattiki tas-sajd;

19. Jinnota li l-għażla li l-Kummissjoni tikkunsidra l-aktar effettiva hija l-projbizzjoni għar-rimi għalkemm projbizzjoni bħal din tista' toħloq ċerti problemi rigward l-infurzar tagħha u se tirrikjedi żieda f'riżorsi finanzjarji, loġistiċi u umani;

20. Jikkunsidra li għandu jiġi pprojbit il-"high-grading", il-prattika tar-rimi lura ta' ħut tajjeb u legali għal ħut ieħor li jista' jġib prezz ogħla fis-suq, għalkemm din se tkun diffiċli tiġi infurzata; jikkunsidra li għandu jiġi installat CCTV (closed circuit television) fuq ċerti bastimenti biex ikun faċilitat l-infurzar tal-miżura;

21. Jinnota l-fatt li, sabiex is-sajjieda u l-partijiet interessati jieħdu r-responsabbiltà u l-pussess ta' kwalunkwe politika biex jiġi eliminat ir-rimi, għandu jkollhom sehem akbar fis-sorveljanza u l-kontroll, peress li l-koperazzjoni u l-involviment tagħhom huma kruċjali għal implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri ta' infurzar; juri li jeżistu eżempji ta' koperazzjoni f'ġuriżdizzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati — pereżempju, il-Kanada u n-New Zealand esperimentaw bis-CCTV fuq ix-xifer tal-bastimenti tas-sajd, bi qbil mas-sajjieda, u hemm rapport li din il-miżura ta' sorveljanza permezz tal-vidjo qed tkun ta' suċċess biex jiġi eliminat ir-rimi;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati l-oħra biex jikkunsidraw l-użu ta' inċentivi biex l-industrija ttejjeb il-prattiki tas-sajd tagħha; jemmen dawn l-inċentivi jistgħu jinkludu:

— li jiġu permessi aktar jiem fuq il-baħar jew li jiżdied il-ħin għas-sajd permess għall-bastimenti li jużaw tagħmir aktar selettiv,

— li jiġi mogħti aċċess preferenzjali għal bastimenti li jużaw tagħmir selettiv għal dawk iż-zoni li huma magħluqin għall-bastimenti li ma jużawx tagħmir selettiv,

— li vapuri b'tagħmir selettiv jitħallew jistadu f'ħinijiet fejn oħrajn m'għandhomx permess jagħmlu dan;

23. Jinnota li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal- 21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid [1] diġà jinkludi eżempju ta' aċċess preferenzjali għal tagħmir selettiv, bi ġranet aktar fuq il-baħar disponibbli għall-bastimenti bit-tkarkir għan-*Nephrops* li jużaw gradilja ta' għażla, u jaqbel li għandhom jiġu kunsidrati inċentivi oħra bħal dawn;

24. Huwa konvint li l-industrija tirrispondi b'mod aktar favorevoli u b'effett akbar għal kombinazzjoni ta' inċentivi pożittivi u negattivi, li għandha tingħata l-opportunità li trendi riżultati; jikkunsidra wkoll li projbizzjoni ta' rimi lura ta' ħut għandha tiġi implimentata biss wara li jkunu ġew ippruvati tipi oħra ta' inċentivi negattivi, inklużi serji mkejla ta' żidiet fid-daqs tal-malji, zoni magħluqa u oħrajn;

25. Jenfasizza l-importanza ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ ladarba tiġi introdotta projbizzjoni tar-rimi tal-ħut; jinnota li nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' ħut mormi lura, iħalli effett negattiv fuq l-istimi tal-kobor ta' l-istokkijiet u l-mortalità tal-ħut, kif ukoll jagħmilha aktar diffiċli li jiġu evalwati miżuri għall-prevenzjoni ta' qbid ta' ħut li ma jissodisfax il-kriterji tad-daqs; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa sistemi teknoloġiċi ġodda ta' monitoraġġ, u f'dan il-kuntest tiġbed l-attenzjoni rigward il-possibilitajiet li jġibu magħhom il-ġurnali elettroniċi abbord (electronic log books) u l-użu ta' CCTV;

26. Jinsisti li peress li l-"high-grading" huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin għal rimi, dan għandu jkun illegali u l-apparat li jippermetti dan, bħall-gradilji ta' għażla abbord f'attivitajiet tas-sajd ta' l-ispeċijiet pelaġiċi, għandu jiġi pprojbit;

27. Jaqbel li l-aktar mod sensibbli kif wieħed għandu jipproċedi hu billi jintagħżel numru ta' industriji ta' sajd pilota, bbażat fuq il-kwantità ta' rimi prodott jew fuq l-istatus ta' konservazzjoni ta' l-ispeċijiet involuti; jenfasizza l-importanza tal-proġetti pilota li qed jiġu magħżula f'bosta zoni biex jirrappreżentaw il-varjetà ġeografika tas-sajd tal-Komunita; jemmen li kull proġett pilota għandu jinvolvi wkoll numru suffiċjenti ta' bastimenti biex tiġi koperta d-diversità ta' l-industrija tas-sajd kif ukoll biex ikun żgurat skambju tajjeb ta' informazzjoni ma' oħrajn fl-industrija tas-sajd; jissuġġerixxi li żewġ industriji ta' sajd li jistgħu jkunu kandidati għandhom ikunu l-industrija ta' sajd bix-xbieki tat-tkarkir bit-travu kif ukoll dawk li jaqbdu u li jarmu lura l-merluzz; jirrakkomanda li sakemm ikunu qed jipproċedu dawn il-proġetti pilota, għandhom jiġu evalwati industriji oħra ta' sajd fir-rigward tar-rata ta' rimi lura tagħhom;

28. Jissuġġerixxi li l-prattiki tar-rimi li jirriżultaw mill-inkompatibilità ta' regoli tekniċi dwar id-daqs minimu tal-ħut li jitniżżel l-art (Minimum Landing Size — MLS) u d-daqs tal-malji, jiġu ttrattati bħala kwistjoni ta' prijorità peress li dawn huma affarijiet li wieħed faċilment jista' jirranġa;

[1] ĠU L 15, 20.1.2007, p.1.

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

29. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-opinjoni xjentifika disponibbli dwar stokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku, fejn perċentwali enormi tal-qbid huwa rreġistrat bħala qbid inċidentali;

30. Jipproponi hawn taħt serje ta' passi għal kull industrija ta' sajd konċernata:

i) tiġi żviluppata stima ta' kwantitajiet u ta' kompożizzjoni ta' speċijiet ta' ħut u ta' speċijiet oħra mormija lura minn kull taqsima ta' l-industrija tas-sajd; din l-informazzjoni għandha tiġi aċċettata bħala waħda oġġettiva u ta' min joqgħod fuqha minn sajjieda, xjenzati u l-partijiet interessati kollha.

ii) jiġi mwaqqaf ambjent adegwat li jiżgura konsultazzjoni, involviment u koperazzjoni bis-sħiħ tal-partijiet interessati kollha qabel tittieħed deċiżjoni dwar il-miri kwantitattivi għat-tnaqqis ta' rimi f'perjodu ta' żmien speċifiku (pereżempju tnaqqis ta' 50 % f'sentejn); il-parteċipanti jkunu jinkludu RACs (Kunsilli Reġjonali ta' Konsulenza) sajjieda, xjenzati, il-gvern nazzjonali, il-Kummissjoni u l-NGOs ambjentali; l-irwol tagħhom jkun li jesploraw l-ideat kollha għall-eliminazzjoni tar-rimi lura ta' ħut, inklużi l-ħatt ta' qbid inċidentali, miżuri tekniċi, għeluq temporanju, zoni magħluqa u oħrajn, kif ukoll jipproponu inċentivi pożittivi għas-sajjieda li qed jesperimentaw b'tekniki differenti;

iii) fl-aħħar tal-perjodu ppjanat għall-implimentazzjoni, jiġu eżaminati r-riżultati u jiġi evalwat jekk ġewx miksuba l-objettivi; metodi ta' suċċess li għandhom jiżdiedu mad-dispożizzjonijiet tas-CFP; jekk il-miri għat-tnaqqis ta' rimi lura ta' ħut ma jintlaħqux, għandhom jiġu applikati sanzjonijiet adegwati, fost miżuri proporzjonati oħra;

iv) jiġu reveduti l-objettivi kwantitattivi ta' rimi fuq bażi regolari bil-ħsieb li fl-aħħar jiġi eliminat ir-rimi;

v) tiġi adottata l-projbizzjoni ta' rimi lura ta' ħut għal industrija ta' sajd biss jekk il-miżuri preċedenti ma jiksbux it-tnaqqis mixtieq ta' rimi lura fi żmien ħames snin mill-bidu ta' dawn il-fażijiet għal kull industrija ta' sajd;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikulari dwar kif il-miżuri jistgħu jiġu "tradotti" biex ikunu japplikaw għall-flotot tas-sajd ta' l-UE fl-ibħra ta' pajjiżi terzi u jitlob li l-użu ta' l-aktar tagħmir tas-sajd selettiv isir prerekwiżit għas-sajd skond il-ftehimiet ta' sħubija tas-sajd (FPAs).

32. Jinnota l-varjetà u l-importanza ta' industriji mħalltin tas-sajd fl-UE u jikkonkludi li l-miri għat-tnaqqis fir-rimi għandhom jirriflettu din il-varjetà, sabiex mhux l-industriji tas-sajd kollha jkunu meħtieġa jiksbu l-istess tnaqqis kwantitattiv fir-rimi fl-istess żmien, peress li l-livelli oriġinali tagħhom tar-rimi jistgħu jkunu differenti.

33. Jenfasizza li jekk jiġu adottati projbizzjonijiet ta' rimi lura ta' ħut għal industriji speċifiċi ta' sajd, biex jiġu evitati inċentivi ħżiena bħal pereżempju li jinħoloq suq għal ħut żgħir jew għal ħut maqbud mingħajr kwota, ħut bħal dan m'għandux jiġi promoss direttament, taħt l-ebda ċirkostanza; jikkunsidra li l-bastimenti jistgħu jiġu kumpensati għall-ispejjeż li jġarrbu biex itellgħu fuq l-art dak li setgħu rmew; jikkunsidra, pereżempju, li l-ħut involut ikun jista' jintuża fil-produzzjoni ta' ħut mitħun (fishmeal) u żejt tal-ħut flimkien ma' kwalunkwe kumpanija li tuża din il-faċilità biex dan jikkontribwixxi għal fond ta' kumpens organizzat b'mod reġjonali;

34. Jinnota li l-EFF (il-Fond tas-Sajd Ewropew) għandu dispożizzjonijiet għall-finanzjament ta' proġetti pilota għal sajd aktar selettiv, kif ukoll żewġ rimpjazzamenti ta' tagħmir, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minnu; jitlob għal aktar flessibilità amministrattiva fl-użu tal-flus ta' l-EFF sabiex proġetti pilota promettenti jiġu implimentati malajr;

35. Juri li s-sistema regolatorja tat-TAC hija waħda mill-kawżiet maġġuri ta' rimi lura ta' ħut u li għandhom jiġu adottati miżuri li jipprevjenu rimi ta' bil-fors ta' speċijiet maqbuda inevitabbilment ta' daqs legali minħabba n-nuqqas ta' kwota għal dawk l-ispeċijiet;

36. Jirrakkomanda li l-kwoti tal-qbid sekondarju jiġu inkorporati mat-TACs u li l-qbid sekondarju kollu li jitniżżel l-art, jitqies bħala parti mill-kwoti allokati; f'każ li xi attività tas-sajd taqbeż il-kwota tal-qbid sekondarju, din l-attività tkun qed tirriskja l-għeluq, filwaqt li l-qbid eċċessiv ta' ħut żgħir jista' jwassal għall-għeluq fil-ħin reali; għalhekk din il-kwota għandha titnaqqas bil-mod il-mod sabiex tipprovdi iktar inċentivi għat-titjib fl-għażla tat-tagħmir;

37. Jinnota li l-Istati Membri attwalment għandhom id-dritt, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 għal konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-ħarsien taż-żgħar ta' organiżmi tal-baħar [1] li jimponu miżuri tekniċi aktar stretti fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom meta jistadu f'ilmijiet ta' l-UE; jemmen li dawn għandhom ikollhom ukoll il-flessibiltà li jippruvaw soluzzjonijiet ġodda li jiġu evalwati mill-Kummissjoni għall-effiċjenza u li, f'ċerti ċirkostanzi, għandhom ikunu kapaċi jimponu miżuri tekniċi aktar selettivi fuq il-bastimenti kollha tas-sajd fuq medda ta' 12-il mil taz-zona kostali tagħhom;

38. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Kunsilli Reġjonali ta' Konsulenza, lill-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sajd u l-Akkwakultura u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Ġestjoni tas-Sajd li l-UE tagħmel parti minnhom.

[1] ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1.

## Strateġija Ewropea għar-Roma

P6_TA(2008)0035

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar Strateġija Ewropea għar-Roma**

(2009/C 68 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 6, 7, 29 u 149 tat-Trattat KE, li jobbligaw lill-Istati Membri sabiex jiżguraw opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li jippermetti lill-Komunità Ewropea li tieħu azzjoni xierqa biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni minħabba l-oriġini razzjali jew etnika,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea [1], ir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-Unjoni Ewropea [2] u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet tal-libertà tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom fit-territorju ta' l-Istati Membri [3],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, kif ukoll id-Deċiżjoni ta' qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija fl-Istati Membri ta' l-UE għall-2007, ippubblikat mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-istabbiliment fl-2005 ta' L-Għaxar Snin ta' l-Inklużjoni tar-Roma u ta' Fond għall-Edukazzjoni għar-Roma minn numru ta' Stati Membri ta' l-UE, pajjiżi kandidati u pajjiżi oħra li fihom l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandhom preżenza sinifikanti,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni komprensiv, adottat mill-Istati parteċipanti ta' l-OSCE, fosthom l-Istati Membri ta' l-UE u l-pajjiżi kandidati, li hu ffukat fuq it-titjib tal-qagħda tar-Roma u s-Sinti fiż-żona ta' l-OSCE, fejn l-Istati jintrabtu fost l-oħrajn li jsaħħu l-isforzi tagħhom bil-għan li jiġi żgurat li r-Roma u s-Sinti jkunu jistgħu jieħdu sehem sħiħ u ndaqs fis-soċjetajiet tagħna, kif ukoll biex tinqered id-diskriminazzjoni kontrihom,

[1] ĠU C 45 E, 23.2.2006, p.129.
[2] ĠU C 298 E, 8.12.2006, p.283.
[3] *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0534.

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, u l-Istatut ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti Konsulenti ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni Soċjali tal-Minoranzi Etniċi u s-Sehem Sħiħ tagħhom fis-Suq tax-Xogħol, intitolat 'Minoranzi Etniċi fis-Suq tax-Xogħol — Sejħa Urġenti għal Inklużjoni Soċjali Aħjar', li kien ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi hemm bejn 12 u 15-il miljun Roma joqogħdu fl-Ewropa, li minnhom madwar 10 miljuni joqogħdu fl-Unjoni Ewropea, li jbatu minn diskriminazzjoni razzjali u f'bosta każijiet huma suġġetti għal diskriminazzjoni strutturali serja, għall-faqar u għall-esklużjoni soċjali, kif ukoll għal diskriminazzjoni multipla minħabba s-sess, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali; billi maġġoranza tar-Roma Ewropej saru ċittadini ta' l-UE wara t-tkabbir ta' l-2004 u dak ta' l-2007, biex b'hekk bdew jibbenefikaw mid-dritt taċ-ċittadini Ewropej u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri,

B. billi r-Roma Ewropej, li storikament ilhom parti mis-soċjetà f'ħafna pajjiżi Ewropej u kkontribew ħafna għaliha, jinsabu f'sitwazzjoni li hija distinta minn dik tal-minoranzi nazzjonali Ewropej, u b'hekk tiġġustifika miżuri speċifiċi fil-livell Ewropew,

C. billi ċ-ċittadini Roma ta' l-UE ta' spiss iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni razzjali fl-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom bħala ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea għall-moviment ħieles u l-istabiliment,

D. billi ħafni individwi u komunitajiet Roma li ddeċidew li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ta' l-UE li hu differenti minn dak tac-cittadinanza nazzjonali taghhom huma f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli,

E. billi kien hemm nuqqas ta' progress fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni razzjali mar-Roma u fid-difiża tad-drittijiet tagħhom fl-edukazzjoni, fl-impjieg, fis-saħħa u fid-djar, kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi kandidati,

F. billi segregazzjoni fl-edukazzjoni tkompli tkun ittollerata fl-Istati Membri; billi tali diskriminazzjoni fl-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità taffettwa b'mod persistenti l-abilità tat-tfal tar-Roma biex jiżviluppaw u jgawdu d-drittijiet tagħhom għal żvilupp edukattiv,

G. billi l-edukazzjoni hija għodda fundamentali fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, l-isfruttament u l-kriminalità,

H. billi jeżistu kundizzjonijiet ta' għajxien inferjuri u mhux sani u hemm evidenza ta' formazzjoni ta' ghettos fuq skala kbira, bir-Roma li b'mod regolari huma vittmi ta' tkeċċija sfurzata jew ma jitħallewx joħorġu mill-viċinat,

I. billi, bħala medja, il-komunitajiet tar-Roma jħabbtu wiċċhom ma' livelli għolja u inaċċettabbli ta' qgħad, tant li jinħtieġu miżuri speċifiċi biex jithaffef l-aċċess għall-impjiegi; billi s-suq Ewropew tax-xogħol, kif ukoll is-soċjetà Ewropea kollha kemm hi, jibbenefikaw bil-kbir bl-inklużjoni tar-Roma,

J. billi l-UE toffri bosta mekkaniżmi u għodod differenti li jistgħu jintużaw biex jitjieb l-aċċess tar-Roma għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, l-impjiegi, id-djar u s-saħħa, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali u l-politiki reġjonali u ta' l-impjiegi,

K. billi l-inklużjoni soċjali tal-komunitajiet tar-Roma hu għan li għad irid jintlaħaq u li l-istrumenti ta' l-UE jeħtieġ li jintużaw sabiex tintlaħaq bidla effettiva u viżibbli f'dan il-qasam,

L. billi hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata parteċipazzjoni effettiva tar-Roma fil-ħajja politika, partikolarment fir-rigward tad-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-ħajja u l-benesseri tar-Roma,

M. billi l-anti-żingariżmu jew ir-Romafobija għadha mifruxa ma' l-Ewropa u hija mħeġġa u użata mill-partiti politiċi ultra-nazzjonalisti u mill-partiti tal-lemin, li jwasslu għal attakki razzisti, diskorsi ta' mibegħda, attakki fiżiċi, tkeċċija illegali u fastidju mill-pulizija,

N. billi l-maġġoranza tan-nisa Roma jiffaċċjaw diskriminazzjoni doppja bħala Roma u bħala nisa,

O. billi l-Olokawst tar-Roma (Porajmos) jisthoqqlu rikonoxximent sħiħ li huwa proporzjonat għall-gravità tad-delitti Nazisti li kellhom l-għan li jeliminaw fiżikament ir-Roma ta' l-Ewropa kif ukoll il-Lhud u gruppi oħra fil-mira;

1. Jikkundanna għal kollox u mingħajr ekwivoki l-forom kollha ta' razziżmu u diskriminazzjoni li jiffaċċjaw ir-Roma u oħrajn meqjusa bħala "Żingari";

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2007 kif ġej: "konxju mill-qagħda tassew speċjali li jħabbtu wiċċhom magħha r-Roma fl-Unjoni kollha, jistieden lill-Istati Membri u lill-Unjoni biex jużaw il-mezzi kollha biex itejbu l-inklużjoni tagħhom" u "jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-politiki u l-istrumenti eżistenti u biex tagħmel rapport lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar sa tmiem Ġunju 2008.";

3. Jikkunsidra li l-UE u l-Istati Membri għandhom responsabilità konġunta biex jippromwovu l-inklużjoni tar-Roma u jipproteġu d-drittijiet fundamentali tagħhom bħala ċittadini Ewropej, u jeħtieġ b'mod urġenti li jżidu l-isforzi tagħhom biex jiksbu riżultati li jidhru f'dan il-qasam; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' l-UE biex japprovaw il-miżuri meħtieġa sabiex jinħoloq l-ambjent soċjali u politiku adegwat biex tiġi implimentata l-inklużjoni tar-Roma;

4. Iħeġġeġ sabiex l-Aġenzija ġdida għad-Drittijiet Fundamentali tqiegħed l-anti-żingariżmu fost il-prijoritajiet l-aktar għolja tal-programm ta' ħidma tagħha;

5. Jafferma mill-ġdid l-irwol importanti ta' l-UE fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra r-Roma li ħafna drabi hi strutturali u għalhekk teħtieġ approċċ komprensiv fil-livell ta' UE b'mod partikulari fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' politiki komuni, waqt li jirrikonoxxi li l-kompetenzi kruċjali u l-investiment primarju tar-rieda politika, tal-ħin u tar-riżorsi fil-ħarsien, l-implimentazzjoni ta' politiki, tal-promozzjoni u l-awtorizzazzjoni tar-Roma jinsab għand il-gvern nazzjonali ta' l-Istati Membri;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Strateġija ta' Qafas Ewropea dwar l-Inklużjoni tar-Roma bl-għan li jkun hemm koerenza fil-politika fil-livell ta' l-UE dwar l-inklużjoni soċjali tar-Roma u fl-istess ħin iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tfassal Pjan ta' Azzjoni Komunitarju komprensiv għall-Inklużjoni tar-Roma bl-għan li jipprovdi għajnuna finanzjarja għat-twettiq ta' l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Qafas Ewropea dwar l-Inklużjoni tar-Roma;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfassal b'mod komprensiv Pjan Komunitarju ta' Azzjoni dwar l-inklużjoni tar-Roma, waqt li jinnota li l-pjan irid ikun imfassal u implimentat mill-grupp ta' Kummissarji li għandhom ir-responsabilità għall-inklużjoni soċjali taċ-ċittadini ta' l-UE permezz tal-portafolli tagħhom ta' l-impjiegi, l-affarijiet soċjali, l-opportunitajiet indaqs, il-ġustizzja, il-libertà, l-edukazzjoni, il-kultura u l-politika reġjonali;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti r-responsabbilità lil wieħed mill-Membri tagħha għall-koordinazzjoni ta' politika għar-Roma;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta l-metodoloġija ta' ħidma "Roma lil Roma" bħala għodda effettiva biex tittratta kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-Roma u jitlobha biex tippromwovi l-istaff ta' etniċità Roma fl-istruttura tagħha;

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi unità tar-Roma li tikkoordina l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Qafas Ewropea dwar l-Inklużjoni tar-Roma, sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, tikkoordina l-azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri, u tiżgura l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet tar-Roma fil-korpi relevanti kollha;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel mill-impatt ta' investimenti privati fuq l-opportunitajiet indaqs fattur rilevanti u ta' responsabilità fir-rilaxx ta' fondi ta' l-UE, billi tobbliga lil dawk l-individwi u/jew persuni ġuridiċi li jagħmlu offerti għal proġetti ffinanzjati mill-UE biex ifasslu u jimplimentaw kemm analiżi kif ukoll pjan ta' azzjoni dwar l-opportunitajiet indaqs;

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi mħabbra mill-Kummissjoni, inklużi l-komunikazzjoni dwar l-istrateġija riveduta għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-green paper li ser toħroġ dalwaqt dwar l-edukazzjoni ta' studenti li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni jew li jagħmlu parti minn minoranza żvantaġġata, u l-intenzjoni li jittieħdu miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat l-infurzar tad-Direttiva 2000/43/KE; b'mod partikolari jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li jitwaqqaf forum ta' livell għoli għar-Roma, bħala struttura għall-iżvilupp ta' politiki effettivi biex jiġu ttrattati l-kwistjonijiet tar-Roma;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi mappa tal-kriżijiet li tkopri lill-Ewropa kollha, li tkejjel u tagħmel stħarriġ f'dawk iz-zoni fl-UE fejn il-komunitajiet huma l-aktar milquta mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex teżamina l-opportunitajiet li jsaħħu l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni, b'enfasi fuq it-tneħħija tas-segregazzjoni u sabiex tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni; itenni li l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għandu jkun prijorità fi ħdan strateġija Ewropea dwar ir-Roma; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex terġa' tirdoppja l-isforzi tagħha biex tiffinanzja u tappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri li jfittxu li jintegraw lit-tfal tar-Roma fis-sistema tradizzjonali ta' l-edukazzjoni sa minn età żgħira; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja programmi li jsaħħu azzjoni pożittiva għar-Roma fl-oqsma ta' l-edukazzjoni sekondarja u ogħla, inklużi t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għall-adulti, it-tagħlim matul il-ħajja kollha u l-edukazzjoni universitarja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja programmi oħra li jipprovdu mudelli pożittivi u ta' suċċess tan-nuqqas tas-segregazzjoni;

15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiġġieldu l-isfruttament tat-tfal Roma, il-fatt li jiġu sfurzati biex jittallbu u l-assenteiżmu tagħhom mill-iskola, kif ukoll it-trattament ħażin tan-nisa Roma;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja l-integrazzjoni tar-Roma fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri bħall-għajnuna finanzjarja għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, miżuri li jsaħħu azzjoni pożittiva fis-suq tax-xogħol, infurzar rigoruż tal-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjieg, u miżuri biex jitħeġġeġ l-impjieg ta' persuni li jaħdmu għal rashom għar-Roma u għal negozji żgħar tar-Roma;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-possibilità ta' skema ta' mikrokreditu kif proposta fir-rapport imsemmi hawn fuq tal-Grupp ta' Esperti Konsulenti ta' Livell Għoli, biex titħeġġeġ it-tnedija ta' negozji żgħar u biex tiġi sostitwita l-prattika ta' l-użura li qed tfarrak ħafna komunitajiet żvantaġġati;

18. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw programmi nazzjonali sistematiċi bl-għan li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-komunitajiet tar-Roma titjieb b'mod partikolari billi jiddaħħal pjan adegwat għat-tilqim tat-tfal; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex itemmu u jirranġaw b'mod adegwat mingħajr dewmien l-esklużjoni sistematika ta' ċertu komunitajiet tar-Roma mill-kura tas-saħħa, inklużi imma mhux limitati għall-komunitajiet f'żoni ġeografikament iżolati u kif ukoll l-abbużi estremi fuq id-drittijiet tal-bniedem fis-sistema tal-kura tas-saħħa, fejn dawn seħħew jew qed iseħħu, inkluża s-segregazzjoni razzjali fil-faċilitajiet tas-saħħa u l-isterilizzazzjoni sfurzata tan-nisa tar-Roma;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibni fuq mudelli pożittivi eżistenti ħalli tappoġġja programmi bl-għan li jtemmu kwartieri foqra tar-Roma, li joħolqu riskji gravi soċjali, ambjentali u oħrajn ta' saħħa, f'dawk l-Istati Membri fejn jeżistu, u sabiex tappoġġja programmi oħra li jipprovdu mudelli pożittivi u ta' suċċess ta' djar għar-Roma, inklużi l-migranti tar-Roma;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex isolvu l-problema tal-kampijiet, fejn ma jkun hemm l-ebda standard ta' iġjene u sikurezza u fejn imutu għadd kbir ta' tfal tar-Roma f'inċidenti domestiċi, b'mod partikolari nirien, ikkawżati min-nuqqas ta' livelli xierqa ta' sikurezza;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jallinjaw il-politika ta' l-UE dwar ir-Roma ma' l-Għaxar Snin ta' l-Inklużjoni tar-Roma u sabiex jagħmlu użu mill-inizjattivi eżistenti bħall-Fond għall-Edukazzjoni tar-Roma, il-Pjan ta' Azzjoni OSCE u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa biex iżidu l-effikaċja ta' l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam;

22. Jenfasizza l-importanza ta' l-involviment ta' l-awtoritajiet lokali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' l-isforzi li qed isiru biex tiġi promossa l-inklużjoni tar-Roma u biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni;

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

23. Jistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu lill-komunità tar-Roma mill-bidu sabiex ir-Roma jingħataw il-possibilità li jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-inċentivi pprovduti mill-UE mmirati lejn il-promozzjoni tad-drittijiet tagħhom u l-inklużjoni tal-komunitajiet tagħhom, sew jekk fil-qasam ta' l-edukazzjoni, jew ta' l-impjiegi jew tal-parteċipazzjoni ċivika, minħabba l-fatt li sabiex l-integrazzjoni tkun suċċess, għandha tinvolvi approċċ axxendenti u responsabilitajiet konġunti; jenfasizza l-importanza li jkunu żviluppati r-riżorsi umani u l-kapaċitajiet professjonali tar-Roma, bl-għan li ssir promozzjoni ta' l-involviment ar-Roma fl-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha, inklużi l-istituzzjonijiet ta' l-UE;

24. Ifakkar li l-pajjiżi kandidati kollha impenjaw ruħhom, fil-proċess tan-negozjati u ta' l-adeżjoni, li jtejbu l-inklużjoni tal-komunitajiet tar-Roma u jippromwovu d-drittijiet tagħhom għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kura tas-saħħa u d-djar; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dawk l-impenji u tas-sitwazzjoni attwali tar-Roma fl-Istati Membri kollha;

25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet relevanti sabiex jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex ineħħu r-razzett tal-ħnieżer mill-post fejn qabel kien hemm kamp ta' konċentrament f'Lety (fir-Repubblika Ċeka) u joħolqu tifkira li turi rispett għall-vittmi tal-persekuzzjoni;

26. Jikkunsidra li hu għandu jeżamina f'iktar dettall aspetti differenti ta' l-isfidi tal-politika Ewropea fir-rigward ta' l-inklużjoni tar-Roma;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-OSCE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# PARLAMENT EWROPEW

## Dmirijiet tal-President (interpretazzjoni ta' l-Artikolu 19)

P6_TA(2008)0024

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 19 tar-Regoli ta' Proċedura dwar id-dmirijiet tal-President**

(2009/C 68 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2008 miċ-Chairmen tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 201 tar-Regoli ta' Proċedura,

1. Jadotta l-interpretazzjoni li ġejja ta' l-Artikolu 19:

   "L-Artikolu 19(1) jista' jiġi interpretat li jfisser li s-setgħat mogħtija minn dan l-Artikolu jinkludu s-setgħa li wieħed iwaqqaf l-użu eċċessiv ta' mozzjonijiet bħal punti ta' ordni, mozzjonijiet proċedurali, spjegazzjonijiet tal-vot u talbiet għal votazzjonijiet separati, votazzjonijiet maqsuma jew votazzjonijiet b'sejħa ta' l-ismijiet meta l-President ikun konvint li dawn ikunu manifestament maħsuba biex joħolqu tħarbit imtawwal u gravi tal-proċeduri tal-Kamra jew tad-drittijiet tal-Membri l-oħra u jkunu se jirriżultaw f'dan."

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal finijiet ta' informazzjoni.

III

*(Atti preparatorji)*

# PARLAMENT EWROPEW

## Reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fil-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom ***I

P6_TA(2008)0025

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Eropew u tal-Kunsill li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, mir-Repubblika Ċeka, minn Ċipru, mill-Ungerija, mil-Latvja, minn Malta, mill-Polonja, mir-Rumanija, mis-Slovenja u mis-Slovakkja ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (COM(2007)0508 — C6-0279/2007 — 2007/0185(COD))**

(2009/C 68 E/08)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0508),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 62(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0279/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0511/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6_TC1-COD(2007)0185**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tintroduċi reġim semplifikat għall-kontroll tal-persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Bulgarija, minn Ċipru *u* mir-Rumanija ta' ċerti dokumenti bħala ekwivalenti għall-viżi nazzjonali tagħhom għall-finijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, Deċiżjoni Nru 582/2008/KE.)*

---

# Il-kontroll ta' persuni fuq fruntieri esterni ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein ***I

P6_TA(2008)0026

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoxximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom (COM(2007)0508 — C6-0280/2007 — 2007/0186(COD))**

(2009/C 68 E/09)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0508),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 62(2)(a) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0280/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0509/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6_TC1-COD(2007)0186**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 896/2006/KE li tistabbilixxi reġim simplifikat għall-kontroll ta' persuni fuq il-fruntieri esterni li jkun ibbażat fuq ir-rikonoximent unilaterali mill-Istati Membri ta' ċerti permessi ta' residenza maħruġa mill-Iżvizzera u l-Liechtenstein għal skopijiet ta' tranżitu mit-territorji tagħhom

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, Deċiżjoni Nru 586/2008/KE.)*

## Statistika dwar l-akkwakoltura ***I

P6_TA(2008)0027

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' l-istatistika dwar l-akkwakoltura mill-Istati Membri (COM(2006)0864 — C6-0005/2007 — 2006/0286(COD))**

(2009/C 68 E/10)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0864),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 (1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0005/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0001/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6_TC1-COD(2006)0286**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-31 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni ta' l-istatistika dwar l-akkwakoltura mill-Istati Membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 788/96

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru …/2008.)*

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

## Titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi *

P6_TA(2008)0028

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija bil-ħsieb li tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-koperazzjoni bejn l-unitajiet ta' intervent speċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (15437/2006 — C6-0058/2007 — 2007/0803(CNS))**

(2009/C 68 E/11)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija (15437/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 30, 32 u 34(2)(c) tat-Trattat ta' l-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, skond liema artikolu l-Kunsill kkonsulta mal-Parlament (C6-0058/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (A6-0507/2007),

1. Japprova l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija kif emendata;

2. Jitlob lill-Kunsill sabiex jemenda t-test skond dan;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda sostanzjalment l-inizjattiva tar-Repubblika ta' l-Awstrija;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-Gvern tar-Repubblika ta' l-Awstrija.

| TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| Emenda 1<br>*Premessa 4* | |
| (4) L-ebda Stat Membru waħdu ma għandu l-mezzi kollha, ir-riżorsi u l-kompetenza teknika għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jittratta effettivament ma' kull tip possibbli ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fuq skala kbira li jeħtieġu intervent speċjali. Huwa għalhekk ta' importanza kruċjali li kull Stat Membru ikun jista' jitlob l-assistenza ta' Stat Membru ieħor. | (4) L-ebda Stat Membru waħdu ma għandu l-mezzi kollha, ir-riżorsi u l-kompetenza teknika għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jittratta effettivament ma' kull tip possibbli ta' sitwazzjoni ***speċifika jew*** ta' kriżi fuq skala kbira li teħtieġ intervent speċjali. Huwa għalhekk ta' importanza kruċjali li kull Stat Membru ikun jista' jitlob l-assistenza ta' Stat Membru ieħor. |
| Emenda 2<br>*Premessa 5* | |
| (5) Din id-Deċiżjoni ***tistabbilixxi xi regoli ġenerali dwar ir-responsabbiltà, inklużi regoli dwar ir-responsabbiltà kriminali, sabiex tipprovdi qafas ġuridiku għaċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri kkonċernati jaqblu li jitolbu u jipprovdu assistenza. Id-disponibilità ta' dan il-qafas ġuridiku u ta' dikjarazzjoni li tindika l-awtoritajiet kompetenti se jippermettu lill-Istati Membri biex jirreaġixxu rapidament u jerbħu l-ħin fl-eventwalità li tinqala' sitwazzjoni ta' kriżi,*** | ***(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/…/JHA dwar iż-żieda fl-intensità tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikulari fil-glieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ("id-Deċiżjoni ta' Prüm"), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha), tirregola modi ta' assistenza tal-pulizija bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' laqgħat tal-massa u avvenimenti maġġuri simili, diżastri u inċidenti serji.*** Din id-Deċiżjoni ***ma tkoprix laqgħat tal-massa, diżastri naturali jew inċidenti serji fi*** |

| TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA | EMENDI MILL-PARLAMENT |
| --- | --- |
| | ***ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni ta' Prüm, iżda tikkumplimenta dawn id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Prüm li jipprovdu għal forom ta' assistenza tal-pulizija bejn l-Istati Membri permezz ta' unitajiet ta' intervent speċjali f'sitwazzjonijiet oħrajn, i.e. f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati mill-bniedem li jkunu ta' theddida fiżika diretta serja għal persuni, proprjetà, infrastruttura jew istituzzjonijiet, b'mod partikulari l-ħtif ta' ostaġġi, ħtif ta' ajruplani u avvenimenti simili. Fid-dawl ta' dan, kull Stat Membru għandu jindika l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li minnhom l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jitolbu assistenza jew intervent.*** |

Emenda 3

*Premessa 5 a (ġdida)*

| | |
| --- | --- |
| | ***5a) Id-disponibilità ta' dan il-qafas ġuridiku u ta' compendium li jindika l-awtoritajiet kompetenti se jippermettu lill-Istati Membri biex jirreaġixxu rapidament u jerbħu l-ħin fl-eventwalità li tinqala' sitwazzjoni ta' kriżi jew terroriżmu. Minbarra dan, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-Istati Membri biex jevitaw u jirrispondu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawn, u b'mod partikolari inċidenti terroristiċi, huwa essenzjali għall-unitajiet ta' intervent speċjali li jiltaqgħu regolarment u li jorganizzaw sessjonijiet ta' taħriġ konġunt, biex jibbenefikaw minn esperjenzi reċiproċi,*** |

Emenda 4

*Artikolu 1*

| | |
| --- | --- |
| Din id-Deċiżjoni tistipula regoli ġenerali u kondizzjonijiet li jippermettu unitajiet ta' intervent speċjali ta' Stat Membru li jipprovdi għajnuna u/jew joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (minn hawn 'il quddiem "l-Istat Membru li jagħmel it-talba" f'każijiet fejn ikunu ġew mistiedna u jkunu qablu li jassistu fis-sitwazzjoni ta' kriżi. | Din id-Deċiżjoni tistipula regoli ġenerali u kondizzjonijiet li jippermettu unitajiet ta' intervent speċjali ta' Stat Membru *(minn hawn 'il quddiem "l-Istat Membru mitlub")* li jipprovdi għajnuna u/jew joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (minn hawn 'il quddiem "l-Istat Membru li jagħmel it-talba" f'każijiet fejn ikunu ġew mistiedna u jkunu qablu li jassistu fis-sitwazzjoni ta' kriżi. ***Id-dettalji prattiċi u l-arranġamenti għall- implimentazzjoni din id-Deċiżjoni għandu jsir qbil dwarhom direttament bejn l-Istat Membru li jagħmel it-talba u l-Istat Membru mitlub.*** |

Amendment 6

*Article 2, point 2*

| | |
| --- | --- |
| 2) "sitwazzjoni ta' kriżi" għandha tfisser kwalunkwe sitwazzjoni maħluqa mill-bniedem fi Stat Membru li ***tippreżenta*** theddida serja, diretta u fiżika għal persuni, infrastruttura jew istituzzjonijiet f'dak l-Istat Membru, b'mod partikolari ***ħtif ta' persuni, ħtif ta' l-ajruplani u inċidenti simili.*** | 2) "sitwazzjoni ta' kriżi" għandha tfisser kwalunkwe sitwazzjoni maħluqa mill-bniedem fi Stat Membru ***li twassal biex ikun hemm raġuni għaliex wieħed jemmen li att kriminali sar, qed isir jew se jsir u li*** jippreżenta theddida serja, diretta u fiżika għal persuni, ***proprjetà***, ***infrastruttura*** jew istituzzjonijiet f'dak l-Istat Membru, b'mod partikolari ***is-sitwazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/475/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu*** [1]. |

[1] ***OJ L 164, 22.6.2002, p. 3.***

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | |

Emenda 7

*Artikolu 2, punt 2 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***2a) "awtorità kompetenti" għandha tfisser l-awtorità nazzjonali li tista' twettaq talbiet u tagħti awtorizzazzjonijiet rigward l-użu ta' unitajiet ta' intervent speċjali.*** |

Emenda 8

*Artikolu 3, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Stat Membru jista' jitlob li jiġi assistit minn unità ta' intervent speċjali ta' Stat Membru ieħor bil-ħsieb li jittratta ma' sitwazzjoni ta' kriżi. Stat Membru jista' jaċċetta jew jirrifjuta tali talba jew jista' jipproponi assistenza ta' tip differenti. | 1. ***Permezz ta' talba li tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti, li tistipula n-natura ta' l-assistenza mitluba kif ukoll il-ħtieġa operattiva tagħha,*** Stat Membru jista' jitlob li jiġi assistit minn unità ta' intervent speċjali ta' Stat Membru ieħor bil-ħsieb li jittratta ma' sitwazzjoni ta' kriżi. ***L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru mitlub*** tista' taċċetta jew tirrifjuta tali talba jew tista' tipproponi assistenza ta' tip differenti. |

Emenda 9

*Artikolu 4*

| | |
|---|---|
| ***Regoli ġenerali dwar*** ir-responsabbiltà | *Ir-responsabbiltà **ċivili u kriminali*** |
| ***1. Fejn, skond din id-Deċiżjoni***, l-uffiċjali ta' Stat Membru joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ***l-Istat Membru ta' l-aħħar għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkawżata minnhom matul l-operazzjonijiet tagħhom***. | ***Meta*** uffiċjali ta' Stat Membru joperaw ***fi ħdan*** it-territorju ta' Stat Membru ieħor ***u/jew jintuża apparat skond din id-Deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabilità ċivili u kriminali, stipulati fl-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni ta' Prüm għandhom japplikaw.*** |
| ***2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn il-ħsara tirriżulta minn azzjonijiet li kienu kontra d-direzzjonijiet mogħtija mill-Istat Membru li jagħmel it-talba jew kienu lil hinn mil-limiti tal-poteri relevanti ta' l-uffiċjali taħt il-liġi nazzjonali tagħhom, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:*** | |
| ***a) Stat Membru li fit-territorju tiegħu ġiet ikkawżata l-ħsara għandu jagħmel tajjeb għal tali ħsara taħt il-kondizzjonijiet applikabbli għal ħsara kkawżata mill-uffiċjali tiegħu stess;*** | |
| ***b) Stat Membru li l-uffiċjali tiegħu kkawżaw ħsara lil kwalunkwe persuna fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandu jirrimborża bis-sħiħ lil dan ta' l-aħħar kwalunkwe somma li ħallas lill-vittmi jew persuni intitolati f'isimhom;*** | |
| ***c) mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu vis-à-vis partijiet terzi u bl-eċċezzjoni tal-punt (b), kull Stat Membru għandu joqgħod lura fiċ-ċirkostanzi previsti f'dan il-paragrafu mill jitlob rimbors tal-ħsarat li jkun ġarrab minn Stat Membru ieħor.*** | |

| TEST PROPOST MIR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 10

*Artikolu 5*

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 5*** | ***imħassar*** |
| ***Responsabbiltà kriminali*** | |
| ***Matul l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3, uffiċjali li joperaw fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom ikunu kkunsidrati bħala uffiċjali ta' dak l-Istat Membru rigward r-reati kommessi kontrihom jew minnhom.*** | |

Emenda 11

*Artikolu 6*

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-***awtoritajiet relevanti*** tagħhom iżommu laqgħat u jorganizzaw taħriġ u eżerċizzji konġunti, ***meta meħtieġ***, bil-ħsieb ta' skambju ta' esperjenza, ta' kompetenza teknika u ta' informazzoni ġenerali, prattika u teknika dwar l-għoti ta' assistenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. | L-Istati Membri ***kollha li jipparteċipaw*** għandhom jiżguraw li ***l-unitajiet ta' intervent speċjali tagħhom*** iżommu laqgħat u jorganizzaw ***regolament*** korsijiet ta' taħriġ u eżerċizzji konġunti, meta meħtieġ, bil-ħsieb ta' skambju ta' esperjenza, kompetenza teknika u informazzoni ġenerali, prattika u teknika dwar l-għoti ta' assistenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. ***Laqgħat, korsijiet ta' taħriġ u eżerċizzji bħal dawn jistgħu jkunu ffinanzjati skond ċerti programmi finanzjarji ta' l-Unjoni, biex ikunu akkwistati għotjiet mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, l-Istat Membru bir-responsabilità tal-Presidenza ta' l-UE għandu jiżgura li laqgħat, korsijiet ta' taħriġ u eżerċizzji bħal dawn iseħħu.*** |

Emenda 12

*Artikolu 7*

| | |
|---|---|
| ***Kull*** Stat Membru għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu proprji, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati. | L-Istat Membru ***li jitlob assistenza*** għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ***operattivi mġarrba mill-unitajiet ta' intervent speċjali ta' l-Istat Membru mitlub għall-assistenza fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3, inklużi t-trasport u l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni***, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-Istati Membri kkonċernati. |

Emenda 13

*Artikolu 8, paragrafu 4 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***4a. Xejn f'din id-Deċiżjoni m'għandu jinftiehem li jippermetti l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli li jirregolaw il-koperazzjoni fost l-aġenziji ta' infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri għal relazzjonijiet ma' l-aġenziji relevanti ta' pajjiżi terzi bi ksur tar-regoli eżistenti tas-sistemi legali nazzjonali li japplikaw għal koperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija.*** |

**Il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2008**

## Servizzi postali Komunitarji ***II

P6_TA(2008)0030

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji (13593/6/2007 — C6-0410/2007 — 2006/0196(COD))**

(2009/C 68 E/12)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (13593/6/2007 — C6-0410/2007) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([2]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill Kunsill (COM(2006)0594),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0505/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat skond il-pożizzjoni komuni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 307E, 18.12.2007, p. 22.
([2]) *Testi Adottati*, 11.7.2007, P6_TA(2007)0336.